


# DAWL FRANĠISKAN

## LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

GĦADD 367 FRAR 2017 IS-37 SENA
NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 Editorjal
Fr Philip Cutajar OFMCap
Il-fidi hija dejjem riskju

5 Bibbja
Mons. Lawrenz Sciberras
Is-Sultan Ġosija
(ta' qalbu twajba tassew)

7 Storja tal-Kapuċċini f'Malta
Winston L. Zammit
BA (Hons) PGCE, MA
L-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Fra Antonio Maria Buhagiar OFMCap (1884)

8 Poeżija
George Grech
Lir-Raħeb ta' Assisi

9 Filatelija
Joseph C. Camilleri
Is-Sena tal-Ħniena fuq bolol tal-Vatikan (1)

11 Knisja, Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet
P. Silvestru Bonavia OFMCap
Ir-riforma tal-Knisja, tal-Kurja Vatikana u tagħna nfusna

13 Riċensjoni
Il-Kav. Joe M. Attard
Toni Portelli – L-għalliem li ħabbu kulħadd

14 Aħbarijiet tal-Provinċja
Br Miguel Zammit OFMCap
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin

20 Aħwa li ħallewna
Fr Philip Cutajar OFMCap
Il-fra li għamel ħafna ġid

22 Reliġjon u Kultura
Il-Kav. Joe M. Attard
Kemm rajt presepji sbieħ dan il-Milied!

24 Pastorali tas-saħħa fl-isptarijiet
Fr Mario Attard OFMCap
Father, ma nafx x'se nagħmel mingħajru!

26 Il-Belt Valletta - Ġawhra Unika
Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.Ed. (Pl & Mgt)
Il-Gran Mastru Jean de Valette, il-fundatur tal-Belt Valletta (it-tieni parti)

28 Spiritwalità Biblika
Fr Charles Buttigieg
L-imħabba tal-aħwa: il-ħajja tal-ewwel Insara

30 Esperjenza
Lynn Aquilina
Mawra sa Greccio f'Malta stess

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMcap
Rokna għat-tfal
Aħseb u wieġeb
Tisliba #153



Bord Editorjali

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributuri Malta
Alfred Ebejer

Distributuri Għawdex
Pierre F. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

Direzzjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

Imejl:
dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2016



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:

Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il Kunvent tal Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.





*San Pawl - il-missier li wellidna fil-fidi, festa li niċċelebrawha kull sena fl-10 ta' Frar. Nitolbuh ikompli jinterċedi għalina sabiex qatt ma nitilfu din il-fidi tagħna. "Ħares issa, Missier, jekk ġewwa l-gżira tidħol xi lifgħa oħra; Oh, isma' talbna: eqridha ġewwa n-nar ta' mħabba kbira" - Dun Karm Psaila*



**Editorjal**

FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

# IL-FIDI HIJA DEJJEM RISKJU

Ninsabu fix-xahar ta' Frar, ix-xahar li fih niċċelebraw ta' kull sena l-miġja ta' San Pawl fostna. U kif nafu, dan l-appostlu tal-ġnus, dakinhar li rifes fuq il-gżira li kien jisimha Malta, wellidna fil-fidi li missirijietna laqgħu, ħaddnu, għexu u bl-akbar ħeġġa għaddewha lilna. Il-fidi f'Alla ta' Ġesù Kristu hija don mogħti lilna sa minn kmieni permezz tal-appostlu missierna San Pawl.

Nixtieq naqsam magħkom ftit riflessjonijiet dwar dan id-don tal-fidi, billi nwasslilkom rakkont ta' storja ċkejkna, ħelwa imma qawwija u impressjonanti fil-messaġġ tagħha.

## Storja – Il-fidi ta' min hu sempliċi

*Waħda tfajla Afrikana, analfabeta, bilkemm taf tikteb isimha, marret fuq il-missjunarju li kien ilu f'dik il-parroċċa aktar minn 20 sena u qaltlu:*

*"Father, jimporta tgħinni? Għandi bżonn ta' parir mingħandek."*

*"Mela le!" weġibha l-missjunarju. "X'għandek bżonn?"*

*"X'nista' nagħmel ħalli nuri l-gratitudni tiegħi lejn il-Madonna? Nixtieq ngħidilha grazzi."*

*"Jaqaw qlajt xi grazzja kbira bl-interċessjoni tagħha?" staqsieha b'kurżità l-missjunarju.*

*"Iva," weġbitu din it-tfajla. "Oħti kienet marida ħafna, u għalhekk jiena u hi ftehemna flimkien ħalli nagħmlu novena lill-Madonna, ħalli l-Madonna tfejjaq lil oħti. Tlabna ħafna u fl-aħħar jum tan-novena oħti mietet. Mietet kalma ħafna, bl-isem ta' Ġesù fuq fommha. X'nista' nagħmel għalhekk ħalli nrodd ħajr lill-Madonna?"*

*Il-missjunarju ħaseb li ma fehemx sewwa, u reġa' staqsieha: "X'għedtli? Fieqet, hux, mhux mietet?"*

*"Le, Father, mietet. Aħna kieku xtaqna li hija tfiq. Taf kemm jien u hi konna qrib xulxin. Imma l-Madonna tatha rigal isbaħ. Oħti mietet. Marija ġiet u wasslitha mill-ewwel ħdejn Ġesù, li issa se jħobbha għal dejjem."*

*Il-missjunarju baqa' mbellah meta sema' dik l-esperjenza li dik it-tfajla qasmet miegħu. Fil-fond ta' qalbu qal: "Hawn min ipaċpaċ fuq l-Evanġelju u hawn min jgħixu. Hawn min jirraġuna b'moħħu u hawn min jirraġuna b'moħħ Alla."*

## U aħna? Fejn hi l-fidi tagħna?

Meta nittrattaw is-suġġett tal-fidi bħala don mogħti minn Alla, inkunu qed nittrattaw aspett li huwa bażiku għat-twemmin tagħna bħala Nsara. Nixtieq naqsam magħkom, għeżież qarrejja tad-*Dawl Franġiskan*, ir-riflessjonijiet tiegħi fuq il-fidi, mhux biss bħala valur imma wisq iżjed bħala waħda mill-virtujiet teologali.

X'nifhmu bil-kelma 'fidi'? Il-kelma 'fidi' ġejja mil-Latin u tfisser 'tagħti xhieda', jew inkella tfisser ukoll 'ta' min jafdak'. Il-fidi, li hija don li jagħti Alla, hija dik li biha u permezz tagħha aħna nemmnu. Nammettu li l-fidi hija kelma tqila biex tifhimha, għax għalkemm titlob ir-raġuni, fl-istess ħin ma tistax taraha jew tippruvaha bix-xjenza, u dan għax hija mibnija wkoll fuq is-sopranaturali. Importanti nżommu f'moħħna li l-fidi tmur lil hemm mir-raġuni, għalkemm qatt mhi kontra r-raġuni; anzi għandhom bżonn xulxin, għax hija l-fidi li ddawwal ir-raġuni tagħna. Forsi ħafna jorbtu l-fidi mar-reliġjon biss, imma fil verità l fidi tidħol f'ħafna aspetti oħra tal-ħajja tagħna.

Peress li l-fidi fiha l-aspett tal-misteru, u xi drabi nitfixklu meta niġu biex niddefinixxu din il-virtù, ħa nitilqu minn eżempju prattiku: it-tfal ma joqogħdux jiċċekkjaw jekk fl-ikel li jkunu preparawlhom il-ġenituri għall-iskola jkunux

għamlulhom xi velenu, għax huma ċerti mill-imħabba tagħhom, tant li għandhom fiduċja għamja li mhumiex ħa jtuhom affarijiet li jagħmlulhom il-ħsara. Jekk mill-banda l-oħra qatt ma jkunu rċevew imħabba mill-ġenituri, jew issir xi azzjoni li kaġun tagħha jitilfu l-fiduċja fil-ġenituri tagħhom, allura jiddubitaw kollox, u jħossu ċerta indifferenza u bruda minħabba dan in-nuqqas ta' mħabba.



## Fidi – Esperjenza

Dan il-paragun hu simili għall-fidi tagħna f'Alla. Hawn min għandu fidi kbira f'Alla għax f'ħajtu kellu xi esperjenzi li kabbru fih żerriegħa ta' fidi. Issib ukoll min ikun mgħammed u jkollu żerriegħa ta' fidi iżda ma tkunx intgħaġnet mal-iżvilupp tal-individwu. B'riżultat ta' dan, il-bniedem irid ikabbar fih il-fidi, biex b'hekk ikun Jista' Jagħraf lil Alla. Aħna l-Insara rridu nkunu Nsara tassew u mhux Insara fejn jaqblilna biss! Inutli ngħidu li nemmnu f'Alla u mbagħad ma nagħmlux l-opri li titlob l-istess fidi tagħna f'Alla. *"Urini l-fidi tiegħek mill-opri li twettaq,"* jgħidilna San Ġakbu.

Irridu nżommu f'moħħna li meta nitkellmu dwar il-fidi tagħna f'relazzjoni mar-reliġjon u dak kollu li hemm marbut magħha, bħalma huma l-eżistenza ta' Alla u l-mirakli, ħafna huma dawk li biex jemmnu jridu jaraw... imma l-fidi tgħidilna, *"Trid l-ewwel temmen biex imbagħad tara,"* u mhux bil-maqlub, 'tara biex temmen'! Il-bniedem li ma jemminx, jara kemm jara jibqa' ma jemminx.

Mela ejjew naraw li l-fidi mhix proċess intellettwali. Hi l-ewwel nett dik il-laqgħa tal-bniedem m'Alla, li tnissel fiduċja sħiħa fih. Niftakru wkoll li ma hemm ebda raġuni għall-fidi, imma hemm raġuni għal xiex nemmnu! Il-fidi Kristjana ma tistrieħx fuq xi domma jew idea filosofika, imma fuq relazzjoni ma' persuna, il-persuna ta' Ġesù Kristu. Dan huwa l-punt tat-tluq tal-fidi tagħna. Ma teżisti ebda fidi jekk mhux mibnija fuq ir-relazzjoni personali tagħna ma' Kristu.





Bibbja

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

# IS-SULTAN ĠOSIJA (TA' QALBU TWAJBA TASSEW)

Kemm ilha teżisti d-dinja dejjem kien hemm u jibqa' jkun hemm eċċezzjonijiet għal dak li huwa normali. Dan jgħodd kemm fuq skala ta' liġijiet jew drawwiet kif ukoll fuq l-istess bnedmin li jkunu ħaddnu jew għadhom iħaddnu l-istess missjoni. Dan l-istat ta' fatt eżista wkoll qalb is-slaten li mexxew lil Iżrael matul medda twila ta' snin. Dan ifisser li minkejja li numru kbir minn dawn is-slaten kienu mħawdin u mexxew lin-nazzjon b'taħwid kbir, però kien hemm ukoll slaten li kienu bil-kontra għalkollox. Kienu nies twajba, nies ta' ħniena kbira, u fuq kollox mexxew lil Iżrael b'mod l-aktar għaqli, ġust u sewwa. Dan għaliex kienu nies li jibżgħu minn Alla ħaj u veru. Dejjem imxew fuq dak li hemm miktub fit-Torah. Wieħed minn dawn is-slaten kien it-twajjeb Ġosija.

## Bidu diffiċli u tqil

Isem dan is-sultan, li għex bejn is-snin 640 u 609, ifisser 'Alla hu sapport', mela għajnuna f'waqtha. Isem dan is-sultan jidher għal ħamsa u ħamsin darba, u kważi dejjem fit-Testment il-Qadim, b'eċċezzjoni ta' darba waħda biss. Din qiegħda fil-ġeneoloġija ta' Mattew: "Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babilonja." (Mt. 1, 11)

Dan is-sultan ħaddem it-tmexxija tiegħu fis-saltna ta' isfel, mela fil-Ġudea, bil-belt kapitali Ġerusalemm. Interessanti ħafna għaliex hu beda jsaltan meta kellu biss tmien snin. Għalina llum din tidher ħaġa stramba ħafna. U hekk hi tassew! Dam isaltan għal wieħed u tletin sena (2 Slat. 22, 1). Agħar minn hekk, missier Ġosija, li kien jismu Amon, qatluh f'konfoffa kontrih. Kien bniedem tassew mill-agħar, bniedem li xeħet taħt saqajh il-liġi ta' Alla. Wara din it-traġedja xejn mistennija, lil Amon difnuh f'qabru fil-ġnien ta' Għużżija. Interessanti ħafna għaliex il-Bibbja ma tgħid xejn dwar ir-raġuni tal-qtil ta' missier Ġosija. Kollox huwa mistur. Hekk kif Ġosija sab ruħu f'din il-pożizzjoni, issa jmexxi nazzjon meta hu kien għad għandu biss tmien snin u mingħajr ebda responsabiltà, dan kollu nikket tassew qalb is-sultan il-ġdid. Għalhekk jien ktibt li l-bidu tat-tmexxija tiegħu kien wieħed diffiċli u tqil ħafna.

Dwar ommu nafu ftit, għajr li kien jisimha Ġedida, bint Għadajja, minn Boskat (2 Slat. 22,1). Biss, din il-mara omm kellha sentimenti sbieħ, materni u fuq kollox reliġjużi ħafna. U dawn it-tnebbiħiet għaddiethom lil binha Ġosija, kif għad naraw 'il quddiem. Ġosija għoġob ħafna lill-Mulej bil-mod kif huwa mexxa. Imma kemm swielu niket u hemm biex jasal ħalli jwettaq ir-riforma mill-qiegħ! Il-poplu, immexxi kif kien fil-għama u minn dak kollu li huwa esterjuri biss, l-aktar minħabba l-injoranza tal-qassisin, xejn ma kien faċli li tikkonvinċih. Meta beda din ir-riforma Ġosija diġà kien ilu jsaltan għal tmien snin.

## Riforma mill-qiegħ

Iċ-ċirkustanzi, l-ambjent fejn sar dan, in-nies li ħadu sehem f'din ir-riforma kif ukoll il-kontenut tagħha kollu qegħdin imniżżlin fit-Tieni Ktieb ta' Samwel, kapitlu tnejn u għoxrin (2 Sam. 22). Kienet is-sena 622 q.K. meta fit-tempju ta' Ġerusalemm kien qed isir xi xogħol ta' restawr. Kollox normali. F'dan il-waqt il-qassis il-kbir Ħilkija sab, f'għorfa mudlama li tissejjaħ 'geniża', "il-ktieb tal-liġi". Fil-pront Ħilkija ħa dan il-ktieb lill-iskriba Safan, bniedem ta' għerf u għaqal u esperjenza kbira f'dan il-qasam. Dan Safan ippreżenta ruħu quddiem is-Sultan Ġosija u qralu dan il-ktieb, li kien għadu kemm instab fil-geniża tat-tempju. L-ewwel mossa li għamel Ġosija, hekk kif sema' dak li kien hemm fil-ktieb, kienet li ċarrat ħwejġu, sinjal ta' dispjaċir kbir

għall-ksur hekk fil-beraħ u formali tal-liġi ta' Alla. (2 Slat. 22, 11)

Is-Sultan, meta sema' dan il-kliem, iddeċieda li jibda jħaddmu fis-saltna tiegħu. Dan ifisser li kellu jagħmel riforma sħiħa reliġjuża. Ġosija f'din ir-riforma kellu wkoll l-għajnuna u l-inkoraġġiment ta' "Ħulda, profetessa, mart Sallum bin Tikwa bin Ħarħas, li kien jieħu ħsieb l-ilbies" tas-sultan (2 Slat. 22, 14). Bi probabiltà kbira dan il-ktieb kien l-ewwel redazzjoni tal-Ktieb tad-Dewteronomju, wieħed mill-ħames kotba tal-Torah.

## U fil-prattika x'kienet din ir-riforma ta' Ġosija?

- Ċentralizzazzjoni tal-kult, jiġifieri l-kult isir biss fil-maqdes ta' Ġerusalemm. Dan ġara għaliex kienu nibtu postijiet oħra 'l bogħod u differenti miċ-ċentru. "U Ġosija ġarraf il-bini kollu tas-santwarju li kien hemm fil-belt ta' Samarija, li kienu bnew is-slaten ta' Iżrael, biex inkurlaw lill-Mulej, u għamlilhom bħalma kien għamel f'Betel." (2 Slat. 23, 19)
- Kien qed jiġi pprattikat kult indirizzat lix-xemx u lill-kwiekeb. Dan għalhekk imur kontra l-ewwel kmandament. U aktar gravi kien il-fatt li dan kien isir fl-istess maqdes tal-belt. "U l-artali li kien għamel Manassi fiż-żewġ btieħi ta' dar il-Mulej għamilhom frak u waddab trabhom fil-wied ta' Kedron." (2 Slat. 23, 12)
- Abbuż ieħor qawwi u ikrah kien il-prattika komuni tas-seħer u l-magħmul. Naturalment, min kien jipprattika din il-forma ta' maġija kien jibqagħlu l-flus; mela tidħol id-diffikultà biex tneħħi dan l-abbuż. "U Ġosija qered ukoll lil dawk li kienu jsejħu l-erwieħ, u l-bassara, u t-terafim u l-idoli u l-qżiżijiet kollha li kont tara f'art Ġuda u Ġerusalemm." (2 Slat. 23, 24)
- Wieħed mid-dnubiet kbar u orrendi li kienu jsiru kien il-qtil tat-tfal innoċenti biex dawn joffruhom lill-allat tagħhom. Dan kien jissejjaħ 'is-sagrifiċċju Molok'. L-Iskrittura titkellem b'ton qawwi ħafna kontra dan l-abbuż. "U niġġes ukoll it-Tofet, li kien hemm fil-wied ta' Ben-ħinnom, biex ħadd ma jgħaddi lil ibnu jew lil bintu min-nar f'ġieħ Molok." (2 Slat. 23, 10)
- L-akbar festa tal-Lhud, l-Għid-Mogħdija. Il-Lhud bdew jiċċelebraw u jfakkru din il-festa anke f'postijiet differenti ta' Iżrael. Dan kien abbuż gravi; għalhekk kien hemm il-bżonn li jitranġa mill-aktar fis. "Imbagħad is-Sultan [Ġosija] ordna lill-poplu kollu: 'Agħmlu l-Għid lill-Mulej, Alla tagħkom, skont ma hemm miktub f'dan il-ktieb tal-patt.' Kien fit-tmintax-il sena tas-Sultan Ġosija li sar dan l-Għid f'ġieħ il-Mulej f'Ġeusalemm." (2 Slat. 23, 21.24)

Dawn ir-riformi, li żgur swew lis-Sultan Ġosija taħbit u dwejjaq kbar, juru kemm il-poplu kien tbiegħed tassew mill-kult tal-qalb, qima li tant kienu jtanbru dwarha l-profeti! Abbużi serji tassew, u li kienu jsiru fl-istess tempju ta' Ġerusalemm, l-imkien li suppost kien il-post fl-ogħla grad tal-qima vera u sinċiera. Huwa kollu għalhekk li s-Sultan Ġosija jibqa' mfaħħar, għaliex kellu l-ħila jeħodha u jwaqqaf tant abbużi koroh u fid-dieher li saru mill-poplu magħżul. Imma kull min jibda triq għan-niżla, jekk ma jiqafx mill-ewwel aktarx li jkompli nieżel 'l isfel. Għaliex kif jgħid is-salm, "Abbuż jgħajjat abbuż ieħor." Minħabba din ir-riforma, Ġosija baqa' msemmi għaliha u għamlitu tassew sultan kbir f'għemilu kuraġġuż.

## Tmiem ħajjet Ġosija

F'dan l-istess żmien, is-sitwazzjoni politika internazzjonali kienet waħda mqallba u inċerta ħafna. Fuq in-naħa tal-Lvant kien qed jissaħħaħ sew l-imperu tal-Babilonja, u diġà kien qed iross u jissikka ħafna l-imperu tal-Assirja. Dan tal-aħħar kien qabad in-niżla tiegħu. Il-Faragħun Neko II, sultan tal-Eġittu, li pprefera jara l-qasma bejn l-imperi, allura appoġġa lill-Assirja. U sabiex jasal l-Assirja, il-Faragħun kellu bżonn jgħaddi minn fuq it-territorju ta' Ġosija, mela mill-Palestina. Dan Ġosija, mingħajr ma ħasibha xejn, iddeċieda li jopponilu milli jgħaddi minn fuq artu. Dan ġara f'Megiddo. Ħalli nkompli b'dak li tgħidilna l-Iskrittura: "Imma l-Faragħun qatlu malli rah. U l-qaddejja tiegħu ġarrewh mejjet [lil Ġosija] minn Megiddo, u wassluh Ġerusalemm u difnuh f'qabru" (2 Slat. 23, 29b-30). Kienet is-sena 609 li temmet il-ħajja tas-Sultan Ġosija, meta kien għadu fil-fjur ta' ħajtu.

Interessanti kif il-Ktieb ta' Bin Sirak, ktieb tas-seklu tnejn qabel Kristu, għandu dan xi jgħid għal Ġosija: "Barra minn David, Ħeżekija u Ġosija, kollha żbaljaw bl-ikrah; għax telqu l-liġi tal-Għoli, is-slaten ta' Ġuda għebu." (Sir. 49, 4)





WINSTON L. ZAMMIT BA (HONS) PGCE, MA

# L-ORDINAZZJONI EPISKOPALI TAL-ISQOF FRA ANTONIO MARIA BUHAGIAR OFMCAP (1884)

Fl-1884 il-Papa Ljun XIII ħatar lill-Kapuċċin Malti Fra Antonio Maria Buhagiar OFMCap, li kien ilu missjunarju f'Tuneż mill-1872, bħala isqof titulari ta' Ruspe u awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie, Arċisqof ta' Kartaġni u Alġier.[1]

L-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Buhagiar saret fil-katidral ta' Tuneż fit-12 ta' Awwissu 1884, u ta' din iċ-ċerimonja nsibu deskrizzjoni fir-rivista *L'Avvenire da Tunes* tal-31 t'Awwissu 1884.

Dakinhar, it-12 t'Awwissu filgħodu, fit-8.00 a.m. bdiet iddoqq il-banda taż-Zuavi. Imbagħad mill-Kulleġġ San Karlu ħarġet il-purċissjoni, li baqgħet sejra lejn il-knisja katidrali.

Fetaħ il-purċissjoni l-istandard abjad u aħmar tas-*Società Patriottica Maltese*, segwit mill-membri tal-istess soċjetà, li kellhom fuqhom id-distintiv tal-istess soċjetà, salib żgħir ta' San Ġwann imdendel mal-kuluri Maltin. Warajhom imxew il-kumitat tal-festi, il-kleru, fosthom il-missjunarji tal-Afrika, il-kanturi ż-żgħar tal-matriċi, u fl-aħħar l-Isqof Buhagiar u l-Kardinal Lavigerie. L-imsemmija purċissjoni għaddiet minn taħt ark trijonfali erett quddiem il-katidral, li fuqu kienu



qegħdin iperpru l-bnadar ta' Franza, tal-Ingilterra u ta' Malta.

Il-purċissjoni daħlet fil-katidral fit-8.30 a.m. u wara bdiet il-funzjoni tal-ordinazzjoni, li tmexxiet mill-imsemmi Kardinal Lavigerie, li kien assistit minn Mons. Leone Livinhac, vigarju appostoliku ta' Victoria Nyanza, u Mons. Giov. Battista Charboniar, vigarju appostoliku ta' Tanganika. Il-mużika kienet diretta minn Padre Sayker. Kienu wkoll preżenti u ħadu sehem is-superjur tal-missjoni tal-Afrika, il-missjunarju Malti Patri Feliċ, u l-kurat tal-katidral Padre Gozaniel, li kien ukoll responsabbli mill-organizzazzjoni tal-festi. Il-katidral kien imżejjen għall-okkażjoni u fuq il-faċċata tiegħu kien hemm skrizzjoni miktuba mill-Avukat Achille Pace.

Fost il-mistednin distinti preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm M. Cambon, il-ministru residenti ta' Franza f'Tuneż; M. Banpard, is-segretarju tal-Gvern; M. Rabin, li kien qed imexxi l-konsolat Franċiż; Mr Reade, l-aġent Ingliż; u l-konslu tal-Awstrija-Ungerija.

Il-funzjoni spiċċat qrib il-11.00 a.m., u l-purċissjoni marret lura bl-istess mod lejn il-Kulleġġ San Karlu, fejn kien hemm pranzu presedut mill-Isqof Buhagiar, li għamel diskors li bdieh bil-Latin u kompliеh bil-Franċiż, li fih wera l-gratitudni tiegħu u tal-Maltin lejn il-Kardinal Lavigerie. Saru wkoll tliet diskorsi oħra, wieħed bil-Grieg mill-Kan. Mikiel Buhagiar, ħu l-Isqof, wieħed bil-Malti mill-Kapuċċin Patri Feliċ, u l-ieħor bil-Franċiż mill-Kurat tal-Katidral Gozaniel.

Filgħaxija x-xatt tal-belt offra xena tassew sabiħa. Mons. Buhagiar, akkumpanjat minn diversi membri tal-kleru, għamel passiġġata

max-xatt, biex jaraw il-mixegħla. Il-banda taż-Żuavi esegwiet biċċiet ta' mużika magħżula, fosthom *La Marseillaise* u *God Save the Queen*, li matulhom inxtegħlu diversi *Torcie a Bengala*.[2]

## Żjara f'Malta (1884-1885)

Wara l-ordinazzjoni episkopali, Mons. Buhagiar għamel żjara f'Malta. Kien wasal Malta minn Sfax nhar il-Ħadd 23 ta' Ottubru 1884, fuq vapur tal-gwerra Franċiż. Malli wasal mar Manoel Island għal ħdax-il ġurnata kwarantina.

Mons. Buhagiar ħareġ mill-kwarantina nhar l-Erbgħa 3 ta' Novembru fis-2.30 p.m., u fost dawk li marru jilqgħuh kien hemm żewġ membri eletti tal-Kunsill tal-Gvern, li kienu l-Kan. Dun Pawl Agius tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt u l-Onor. Carlo Maria Muscat.[3]

B'kollox dam Malta madwar seba' ġimgħat, li matulhom żamm profil baxx ħafna, u aktarx qagħad fil-kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana. Gazzetta lokali tgħidilna li huwa telaq minn Malta lejn Tuneż fil-21 ta' Jannar 1885. Mill-kunvent (aktarx tal-Furjana) sax-xatt kien akkumpanjat minn żewġ kanonċi tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, l-Arċipriet Koadjutur Dun Pawl Agius u l-Kanonku Carmelo Galea, u diversi Kapuċċini. Fix-xatt ġie milqugħ mis-Sur Simiana, Dr Castaldi u l-Prokuratur Legali Mangion.[4]

Tliet xhur wara, fit-23 t'April 1885, Mons. Buhagiar reġa' ġie Malta, din id-darba maħtur mill-Papa Ljun XIII bħala amministratur appostoliku tad-djoċesi ta' Malta.[5]

### Referenzi


1 T. Azzopardi, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana, u l-Ordni Ġerosolmitan*, Malta, pp. 118, 120
2 T. Azzopardi, *op. cit.*, p. 120, *Il Patriota*, 11-ix-1884, p. 3
3 *L'Ordine*, 26-xi-1884, p. 1, Malta; 2-xii-1884, p. 1; *L'Ordine*, 10-xii-1884, p. 2
4 *Il Risorgimento*, 21-i-1885, p. 2
5 *Il Portafoglio Maltese*, 23-iv-1885; *L'Ordine*, 29-iv-1885


Poeżija
GEORGE GRECH

# LIR-RAĦEB TA' ASSISI

Bħal Kristu ċħadt id-dinja,
stmerrejt il-frugħa, l-għana;
twaħħadt mal-fqir, l-imġarrab,
warrabt lil dawk setgħana.

Bħal Kristu ħabbejt 'l Alla,
ridt tagħmel ir-rieda tiegħu;
dlonk tlaqt it-tbaħrid kollu,
twaħħadt għalkollox miegħu.

Bħal Kristu ridt li ssofri,
fuq kliemu inti imxejt.
Bħalu kaxkart lil ħafna,
bl-eżempju li wrejt.

Bħal Kristu ġbart madwarek
xirka ta' nies ġwejdin,
u fis inti sawwarthom
f'xirka ta' qaddisin.

Bħal Kristu tajt imħabbtek
lill-Knisja mwaqqfa minnu.
Lilu għannejt bl-imħabba
u sawwart l-akbar innu.

Bħal Kristu ħabbejt il-paċi,
il-maħfra u l-imħabba,
il-fidi, id-dawl, it-tama,
is-safa, xejn imtebba'.





Filatelija

JOSEPH C. CAMILLERI

# IS-SENA TAL-ĦNIENA FUQ BOLOL TAL-VATIKAN

F'jum il-Kunċizzjoni tas-sena 2015, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku inawgura s-Sena tal-Ħniena. Għal din l-okkażjoni, il-posta tal-Vatikan ħarġet diversi settijiet ta' bolol u kartolini postali.

## Sett bolol: Il-bidu tas-Sena tal-Ħniena (1)

Data tal-ħruġ: 19 ta' Novembru 2015

Sett: żewġ bolol, waħda ta' 80ċ u oħra ta' 95ċ

Disinn: Gabriella Titotto

Stamperija: Cartor ta' Franza

Ħarġu: 250,000 sett

Noti: L-ewwel bolla turi wiċċ il-Papa, il-Bieb Imqaddes u s-Salib. It-tieni bolla turi l-Madonna mdawra bl-anġli. Il-Posta Vatikana ħarġet CD (compact disc) u folder.

## Is-Sena tal-Ħniena fuq bolol tal-Vatikan (2)

**Sett bolol: Opri tal-Ħniena għall-bniedem tal-lum**

Data tal-ħruġ: 1 ta' Frar 2016

Sett: żewġ bolol, waħda ta' 95ċ u oħra ta' €1

Disinn: Stefano Morri

Stamperija: Cartor ta' Franza

Ħarġu: 250,000 sett

Noti: L-ewwel bolla turi familja ta' immigranti mill-Afrika tidħol fil-pajjiż fuq xtajta waqt li omm u tifel qed iqassmulhom l-ikel. It-tieni disinn juri tliet tipi ta' bini reliġjuż – knisja Nisranija, moskea u sinagoga. Fil-parti t'isfel hemm tlett irġiel viċin bir u grupp ta' siġar tal-palm. Kull raġel jirrappreżenta reliġjon – ir-reliġjon Nisranija, dik Musulmana u dik Lhudija.

## Is-Sena tal-Ħniena fuq bolol tal-Vatikan (3)

**Sett bolol: Opri tal-Ħniena għall-bniedem tal-lum**

Data tal-ħruġ: 10 ta' Mejju 2016

Sett: żewġ bolol, waħda ta' 95ċ u oħra ta' €1

Disinn: David Maraskin

Stamperija: BDT tal-Irlanda

Ħarġu: 150,000 sett

Noti: L-ewwel disinn juri grupp ta' nies qed jiġbru l-ħwejjeġ biex ilibbsu nies bla mezz finanzjarju. It-tieni disinn juri familja qed tiftaħ darha biex tilqa' familja ta' immigranti.

## Is-Sena tal-Ħniena fuq bolol tal-Vatikan (4)

**Sett kartolini postali: Opri tal-Ħniena mwettqa mill-Mulej**

Data tal-ħruġ: 10 ta' Mejju 2016

Sett: erba' kartolini, ta' 95ċ, €1, €2.30 u €3

Disinn: mhux magħruf (il-fuljett ma jagħtix dettalji fuq l-artist li ħadem dawn il-kartolini postali)

Stamperija: Tipografia Vaticana

Ħarġu: 15,000 sett



Noti: Dawn il-kartolini juru xogħlijiet tal-mużajk magħmulin minn Dun Marco Rupnik (Ġiżwita) mis-Slovenja. Il-mużajk sar fl-istudju ta' Ezio Aletti. L-ewwel kartolina turi l-fejqan ta' paralitiku, waqt li l-oħrajn juru l-fejqan ta' wieħed agħma, l-indiema ta' mara adulta u l-fejqan ta' raġel li twieled agħma.

## Is-Sena tal-Ħniena fuq bolol tal-Vatikan (5)

**Sett bolol: Opri tal-Ħniena għall-bniedem tal-lum**

Data tal-ħruġ: 13 ta' Settembru 2016

Sett: żewġ bolol, waħda ta' 95ċ u oħra ta' €1

Disinn: Orietta Rossi

Stamperija: Cartor ta' Franza

Harġu: 150,000 sett

Noti: L-ewwel bolla turi nies iżuru l-ħabsin waqt li t-tieni bolla turi mara żżur lill-morda.

## Is-Sena tal-Ħniena fuq il-bolol tal-Vatikan (6)

**Sett bolol: Il-Ġublew tal-Ħniena**

Data tal-ħruġ: 17 ta' Novembru 2016

Sett: żewġ bolol, waħda ta' 95ċ u l-oħra ta' €1

Disinn: Daniela Fusco

Stamperija: BDT tal-Irlanda

Noti: Dan is-sett jagħlaq is-sensiela ta' bolol dwar is-Sena tal-Ħniena. Hu sett qawwi ħafna f'dak li hu disinn.

L-ewwel bolla tfakkar opra tal-ħniena – id-dfin tal-mejtin. Naraw figura ta' anġlu, li hu x-xbieha tas-sema. Dan l-anġlu qed iżomm xemgħa u warda. Dawn l-oġġetti mhuma xejn ħlief is-simboli Nsara marbuta mal-mejtin.




Kull wieħed u waħda minna li nżuru l-oqbra tal-maħbubin tagħna nieħdu magħna dawn l-affarijiet biex jitpoġġew fuq l-oqbra. Il-mejtin ma għandhom bżonn tal-ebda xemgħat u fjuri, iżda aħna nħossu l-ħtieġa li nuru lil kulħadd ir-rispett li nħossu f'qalbna lejn dawn il-qraba li l-Mulej sejjaħ għal ħdejh. Wara l-figura tal-anġlu hemm bieb, bieb ta' qabar li jinsab miftuħ. Dan għandu tifsira, il-passaġġ tal-bniedem mid-dinja għall-ħajja eterna. Naraw ukoll kolonna mkissra, li qed tirrappreżenta l-ħajja tal-bniedem fuq din l-art. Għalhekk tinsab imkissra, għaliex meta wieħed imut, din il-ħajja tispiċċa. Hemm ukoll pagun, li hu s-simbolu tal-immortalità tar-ruħ.

It-tieni bolla turi l-festa ta' Kristu Sultan. Din il-festa, li tagħlaq il-kalendarju liturġiku, daħlet grazzi għall-Papa Piju XI, permezz tal-enċiklika *Quas primas* (11 ta' Diċembru 1925). Il-festa ta' Kristu Sultan tal-2016 kienet festa speċjali, għax għalqet ukoll is-sena speċjali, dik tal-ħniena. Naraw il-figura ta' Kristu żagħżugħ bil-kuruna fuq rasu. Warajh hemm bieb, din id-darba dan il-bieb hu l-Bieb Imqaddes. Dan il-bieb mhu xejn ħlief is-simbolu tal-ġublew, ġublew li qisu sab it-tmiem tiegħu f'din il-festa. Kristu Sultan qed ibierek lil kulħadd.

Is-sett għandu disinn *art nouveau*. Kull ħaġa li tinkludi ż-żewġ bolol għandha tifsira. Hu disinn tassew studjat sew, kemm min-naħa tal-awtorità postali Vatikana kif ukoll mid-disinjatriċi Daniela Fusco. L-aħħar kumment: il-Posta tal-Vatikan qatt ma ħarġet settijiet bolol biex tfakkar xi sena tal-ġublew daqs dan il-ġublew. L-għażla tal-opri tal-ħniena kienet magħmula b'reqqa kbira. Dawn l-opri ġew applikati għall-bniedem tas-seklu 21. Għalhekk dawn il-bolol mhuma xejn ħlief pulptu minn fejn toħroġ il-kelma t'Alla.



Knisja, Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet

P. SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

# IR-RIFORMA TAL-KNISJA, TAL-KURJA VATIKANA U TAGĦNA NFUSNA

Dan ir-ritratt tal-Papa waqt li jirċievi l-irmied f'Ras ir-Randan dejjem jolqotni ħafna. Il-Papa jagħraf lilu nnifsu midneb, jeħtieġ jagħmel ukoll penitenza u 'jibda ħajja ġdida'. Kemm drabi smajnieh dal-kliem aħna lkoll, u kulħadd fil-Knisja! Huwa l-istess kliem tal-Evanġelju. Imma bhal bosta affarijiet oħra fundamentali fil-ħajja Nisranija, billi nisimgħuhom spiss, jew jitilfu t-tifsira dejjem urġenti tagħhom jew ma nagħtuhomx l-importanza mistħoqqa, u għalhekk kollox jibqa' fejn u kif kien, jew kważi.

Għall-Papa Franġisku, illum, aktar minn żminijiet oħra, dan ma jistax jibqa' sejjer hekk. Veru li r-riformi ma jseħħux f'jum wieħed.

## Riforma dejjem sejra

Imma, issa li l-Papa Franġisku ilu kważi 4 snin papa, x'sar minnha r-riforma tal-Knisja li bosta jixtiequ jaraw? Huwa minnu li ħafna jimmiraw fuq il-Kurja u d-diversi organi jew dipartimenti jew 'ministeri' li permezz tagħhom il-Papa jmexxi l-Knisja. Niftakru li l-Knisja hija l-eqdem istituzzjoni, li baqgħet ħajja għal 2,000 sena sħaħ bla ma jaqtgħu xejn! Niftakru wkoll li l-Knisja matul is-sekli dejjem irriformat ruħha, ukoll jekk dan ma jissemmiex jew ma niftakruhx, imma huwa reġistrat fl-istorja. Ir-riformi f'istituzzjoni bħall-Knisja Kattolika dejjem ħadu u jieħdu ż-żmien, xi drabi twil



ukoll. U nżommu quddiem għajnejna li l-prinċipju li 'l-Knisja dejjem teħtieġ riforma' kien, għadu u jibqa' programm ta' ħajja u ħidma bla ma taqta'. Barra dan ma ninsewx li l-Knisja wkoll hija magħmula minn bnedmin bħalna, li xi drabi tant nintrabtu ma' drawwiet u użanzi u tradizzjonijiet li mhux ħafif nintatmu minnhom!

Barra dan, ta' min isemmi li San Franġisk t'Assisi, li kien jgħix f'epoka ta' tiġdid tal-Knisja u li l-ħtieġa tiegħu kienet urġenti, ma pponta sebgħu lejn ħadd. Beda huwa nnifsu, b'ħajtu. Huwa tant kien radikali, u tant il-messaġġ tiegħu kien jinqara mingħajr diffikultà fl-eżempju tiegħu, li f'qasir żmien ixxettel il-moviment Franġiskan li San Franġisk ma kellux ħsieb iwaqqaf, imma wassal għal bosta tibdil meħtieġ fil-Knisja. U mhux biss għas-seklu 13 u wara, imma għal kull żmien. Dan mill-ewwel inħass fl-elezzjoni tal-Papa Bergoglio, patri Ġiżwita li għażel l-isem Franġisku għal San Franġisk t'Assisi, kif stqarr huwa stess. Tant kien konvint minn dan li sa mill-ewwel minuti wara l-għażla, meta bħas-soltu offrewlu l-ilbies u ornamenti oħra meħtieġa, qalilhom, "Jien ġa għandi dawn u għadhom tajbin; inkompli nuża lilhom." Illum dawn l-aneddoti huma kollha ppruvati u awtentikati. Biżżejjed wieħed jaqra ftit paġni mir-rivista *Il Mio Papa* u jkun jaf aktar! Ir-ritratt rasu baxxuta fil-gallarija ta' San Pietru, meta talab lill-poplu kollu, f'dehra *mondovisione*, biex jitlob għalih qabel jagħti l-ewwel barka tiegħu, huwa ikona ta' min kien u min huwa l-Papa Bergoglio. Mhux ta' b'xejn il-ħars imħasseb ta' xi wħud madwaru f'dak il-waqt eċitanti!

## "Mhux bidla kożmetika"

Id-diskorsi li għamel kemm ilu papa fl-awguri tal-Milied meta rċieva l-kollaboraturi qrib tiegħu fil-ħidma tal-Knisja huma kuraġġużi, kienu meħtieġa u fuq kollox jispiraw kuraġġ f'min irid jilqagħhom. Fl-2014 il-Papa tkellem

fuq il-mard li jeħtieġ jitfejjaq; fis-sena ta' wara semma l-virtujiet li bosta juru f'ħidmiethom; u f'Diċembru li għadda wera kif il-veru tabib, meta jiskopri l-mard, jekk ikun għaqli u jrid il-ġid tal-pazjent jeħtieġlu jopera biex ifejjaq, mhux jagħmel bidliet każmetiċi biss.

Dan kollu, mingħajr dubju, jirrifletti l-mentalità u l-arja li kien hemm fil-konklavi li għażlu bħala Papa. Huwa frott tad-diskussjonijiet mal-grupp kardinali C9 li jgħinuh, li jiltaqa' kull tliet xhur. L-aħħar laqgħa kienet is-17-il waħda, u issa jmisshom jiltaqgħu f'nofs dax-xahar ta' Frar. Id-diskussjonijiet li jmiss huma dwar il-kongregazzjonijiet tal-fidi, il-ħajja konsagrata, dik tal-qaddisin u tal-għaqda tal-Insara, kif ukoll il-ħidma tas-Segretarjat tal-Istat u kif dan jikkoordina l-attivitajiet kollha tas-Santa Sede. Dokument wara ieħor li ħareġ tul il-pontifikat juru dan il-pjan. Dis-sena li għaddiet sar ħafna fl-istruttura tal-kongregazzjonijiet Vatikani, twaqqfu wħud ġodda, ingħaqdu flimkien uħud oħra, u aktar ukoll. Is-sehem ta' lajċi mid-dinja kollha, kwalifikati għall-aħħar fis-setturi tagħhom, bis-sehem ta' nisa wkoll, juri l-wiċċ ġdid li l-Papa jrid juri u l-bidla li jixtieq li sseħħ. Fuq kollox,



dak li huwa iktar fundamentali, il-Knisja trid toħroġ aktar ċar l-aspett 'missjunarju' tagħha, kif ukoll dak 'ta' sinodalità', qal id-direttur ġdid tas-Sala Stampa Vatikana Greg Burke, wara l-laqgħa tas-C9 li saret f'Diċembru li għadda.



Imma fuq kollox mhux l-istrutturi biss. Dawk kollha li jagħtu sehem fihom huma meħtieġa, u wieħed irid jagħraf ix-xogħol iebes u esiġenti li għandhom, u kif jaħdmu taħt pressjoni ta' ħin u responsabbiltà. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-website tal-Vatikan u jara dawk id-diskorsi kollha u dokumenti tal-Papa jew is-Santa Sede. Niftakru li dal-Papa, aktar mill oħrajn, imdorri jwarrab il-karti u jitkellem xi drabi wkoll barra dak li jkun kiteb. Dan kollu jrid jiġi maqlub f'għadd ta' ilsna, li jinkludu wkoll iċ-Ċiniż u l-Għarbi.

Imma fuq kollox tinħtieġ ir-riforma tal-ħajja: ħajja aktar evanġelika fl-aspetti kollha tagħha, tal-beatitudnijiet. L-ittra appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju* hija programm impenjattiv biżżejjed. Il-Papa jurina b'ħajtu xi jrid. Aħna s-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-membri ta' movimenti ekkleżjali u komunitajiet oħra rridu nkunu aktar fuq quddiem biex il-poplu t'Alla jara fina dak li jrid Kristu llum minna lkoll bħala Knisja tiegħu. Qed isir ħafna, imma żgur jista' jsir aktar! Ma naqtgħux qalbna. Nitolbu ħafna aktar; nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Inħarsu lejn il-Papa Franġisku, u lkoll insibu fih x'jgħallimna u x'jispirana nbiddlu biex inkunu dak li l-Knisja trid tkun illum biex twassal aħjar il-messaġġ ta' Kristu.


## RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm *VUĊI MISSJUNARJA* li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.






Riċensjoni

IL-KAV. JOE M. ATTARD

# TONI PORTELLI L-GĦALLIEM LI ĦABBU KULĦADD

Mill-pinna ta' Fr Geoffrey George Attard, għalliem fis-Seminarju Minuri tal-Belt Victoria, iktar kmieni din is-sena ħareġ il-ktieb dwar Toni Portelli min-Nadur, li miet traġikament fit-23 ta' Diċembru 2015. Għal snin twal għallem mal-awtur ta' din il-pubblikazzjoni, u allura ma setax jonqos li bejniethom tinbet u tikber ħbiberija li baqgħet issaltan sa jum il-mewt.



Toni kien għalliem eżemplari, u għalkemm kellu jerfa' l-piż xejn tqil tal-mard taż-żewġ uliedu, li issa ħalla warajh, kont tarah dejjem bi tbissima u b'kelma ta' kuraġġ, għax kien jemmen u jafda f'Alla b'għajnejh magħluqa. Wara l-iskola kien jinġabar id-dar u flimkien ma' martu kien jieħu ħsieb uliedu bi bżonnijiet speċjali, u qatt ma ħarab għal minuta biss minn din ir-responsabiltà, imma id f'id ma' martu u bintu oħra kien jara kif jagħmel biex joħloq ambjent ferrieħi u ta' ottimiżmu. Dan kollu joħroġ minn din il-pubblikazzjoni, li l-awtur qasam f'erba' partijiet: diskorsi; żewġ poeżiji, waħda tal-awtur tal-ktieb u l-oħra ta' Keith Refalo, student fis-Seminarju; messaġġi fuq Facebook u l-media lokali; u l-aħħar taqsima tinkludi għadd sabiħ ta' ittri mibgħuta lil martu Maria. Naturalment il-ktieb huwa mżewwaq ukoll b'numru ta' ritratti meħudin mill-ħajja ta' dan l-għalliem waqt il-ħin tal-iskola fis-Seminarju, fejn barra l-lezzjonijiet kien jieħu ħsieb ukoll il-librerija tal-iskola, waqt li jagħfas kontinwament fuq l-istudenti dwar l-importanza tal-qari. Anton Portelli twieled fis-6 ta' April 1956 u kellu żewġ ulied li twieldu bil-kundizzjoni Opitz trigonocephaly syndrome. Flimkien ma' martu Marija, il-koppja aċċettaw li jibqgħu jduru b'dawn iż-żewġ anġli li l-Mulej għoġbu jagħtihom, u dan għamluh dejjem b'dedikazzjoni kbira. Wara l-iskola kien ikollu seba' mitt sena sabiex imur id-dar u jkun jista' jqatta' ħinu ma' wliedu u ma' Rebecca, u jara kif jista' jgħinha għall-futur tagħha.

'Those whom the gods love, die young!' qrajt darba xi mkien, u Toni Portelli kellu jiltaqa' u jiġi wiċċ imb wiċċ mal-mewt żgur fejn ma kienx qed jistennieha, għax kien qed jara kif jgħaddi ftit tal-ħin jixxiegħel u jistrieħ! Imma kif jgħidu, 'Alla fejn iridek isibek', u Toni l-għalliem tal-Istorja mar jiltaqa' mal-Ħallieq ħin bla waqt, mibki iżda żgur li qatt minsi minn dawk kollha li kienu jafuh. Ġera mal-Amerika u ħadem sħiħ, imma kellu jitlef ħajtu ħin bla waqt u żgur kif qatt ma kien joħlom! Imma dak li għandu jsir ma jħassru ħadd, u kif jgħidu, meta nitwieldu, mad-data tat-twelid tinkiteb ukoll id-data tal-mewt tagħna.

Intant, id-dħul minn dan il-ktieb qed imur b'risq is-Seminarju Minuri, minn fejn jista' jinkiseb.

**Il-Belt Victoria, Għawdex**





BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Il-Preżenza tal-Kapuċċini fl-Isptar Mount Carmel

Il-preżenza tal-Kapuċċini fl-isptar Mount Carmel tmur lura aktar minn 50 sena ta' qadi kontinwu, kemm mar-residenti kif ukoll mal-istaff ta' dan l-isptar. Jibqgħu msemmija Aħwa Kapuċċini li għal snin twal taw l-għajnuna spiritwali u pastorali f'dan l-ambjent mhux daqstant faċli, fosthom il-mibki Ħuna Patri Luqa Theuma.

Fil-preżent din l-assistenza spiritwali u pastorali qed tingħata minn grupp ta' erba' Aħwa patrijiet Kapuċċini: P. Wiġi Saliba, P. Teodosju Meli, P. Anton Dimech u P. Philip Cutajar bħala koordinatur. Flimkien ma' dawn it-tliet Aħwa Kapuċċini ġie ffurmat bħal kunsill pastorali tas-saħħa magħmul minn għaxar membri tal-istaff taħt l-animazzjoni tas-Sinjura Marija Daniela Farrugia, occupational therapist. Dan il-kunsill jieħu ħsieb jippjana u janima l-attivitajiet kollha li jsiru fl-isptar Mount Carmel fuq livell pastorali u spiritwali.

Għall-ġranet tal-Milied sar programm ta' attivitajiet li ġie ferm apprezzat, kemm mir-residenti kif ukoll mill-awtoritajiet tal-isptar. Fost l-attivitajiet kien hemm dawn li ġejjin.

NHAR IL-ĠIMGĦA, 16 TA' DIĊEMBRU kien hemm it-tberik tal-presepji u t-tiżjin kollu li sar fis-swali. Dan sar bil-għan li nkomplu nħeġġu dawn l-inizjattivi, li r-residenti tant japprezzaw u b'hekk jidħlu fl-ispirtu tal-ferħ tal-Milied. Prosit lil dawk responsabbli mis-swali għall-isforz tagħhom sabiex isir l-aħjar tiżjin, imma fuq kollox għall-preżenza tal-Bambin Ġesù f'kull sala.

NHAR IS-SIBT, 17 TA' DIĊEMBRU saru l-ftuħ u t-tberik tal-fiera annwali li tiġi organizzata mill-Għaqda tal-Ħbieb tar-Residenti tal-Isptar Mount Carmel. Il ftuħ uffiċjali sar mis CEO l ġdid is Sur



*Fr Philip Cutajar qed ibierek wieħed mill-istands tal-fiera*



*Is-CEO ta' Mt Carmel Hospital Mr Kevin Schembri flimkien ma' Fr Philip Cutajar OFMCap*



*Il-ftuħ u t-tberik tal-51 Fiera Annwali f'Mt Carmel Hospital*

Kevin Schembri, filwaqt li t-tberik sar minn Fr Philip Cutajar, Kapuċċin. Kien hemm preżenti s-Sur Joseph Borg Bonello, li huwa l-fundatur u l-president tal-Għaqda Ħbieb Sptar Monte Carmeli, flimkien maċ-Chief Operation Officer is-Sur Paul Dalli. Din kienet il-51 fiera li ġiet organizzata.

L-iskopijiet ta' din il-fiera, li ssir kull sena, huma: 1. li tingħata aktar self-esteem lir-residenti tal-isptar, bil-ħafna affarijiet ta' kull tip li huma jagħmlu matul is-sena u wara jinbiegħu waqt il-fiera; 2. li jinġabru fondi sabiex bihom tingħata aktar għajnuna lir-residenti ta' Mt Carmel; 3. li jiġu mistiedna n-nies għal din il-fiera, mhux biss biex jixtru imma wkoll bil-għan li tingħeleb l-istigma li għadha teżisti f'ħafna mill-Maltin fir-rigward ta' dan l-isptar. Prosit tassew lill-organizzaturi kollha li għal sena oħra din il-fiera kienet suċċess.

NHAR IL-ĦADD, 25 TA' DIĊEMBRU ġiet iċċelebrata quddiesa miż-żewġ kappillani Fr Wiġi Saliba u Fr Teodosju Meli. Qabel il-quddiesa saret il-prietka tat-tifel. Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni ġiet mogħtija tifkira tal-Milied lir-residenti kollha flimkien mal-membri preżenti tal-istaff tal-isptar.



*Il-quddiesa li saret nhar il-Milied filgħodu minn P. Teodosju Meli u P. Wiġi Saliba*

## L-Arċisqof iżur is-sezzjoni tan-nisa tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Diċembru 2016, Mons. Arċisqof Charles Scicluna reġa' żar il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, din id-darba s-sezzjoni tan-nisa. Huwa ċċelebra quddiesa fil-kappella tan-nisa flimkien mal-Provinċjal Fr Martin Micallef u ma' tnejn mill-kappillani tal-ħabs, Fr Leonard Falzon u Fr Martin Mamo. Kien hemm



*Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna flimkien mal-Ministru Provinċjal u l-Kappillani tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin*

attendenza numeruża min-naħa tar-residenti u d-diriġenti tal-ħabs. Wara l-quddiesa ma naqsitx ukoll kikkra kafè u anke biċċa kejk. Din iż-żjara kienet fuq l-istess xewqa tar-residenti nisa, li wara li fis-6 ta' Novembru l-Arċisqof żar ir-residenti rġiel, huma talbuh biex iżur lilhom ukoll.

## Fr Martin Mamo mogħti Ġieħ il-Kalkara

Kif isir kull sena nhar l-10 ta' Diċembru, fir-raħal tal-Kalkara ssir quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp, u wara kunċert mużikali mill-baned tal-lokal fl-iskola primarja, biex jitfakkar Jum il-Kalkara, li saret parroċċa nhar l-10 ta' Diċembru 1897. F'dan il-kunċert jingħata Unur il-Kalkara lil xi persuna nominata, kif ukoll jingħata Ġieħ il-Kalkara. Din is-sena Ġieħ il-Kalkara ġie mogħti lil Fr Martin Mamo OFMCap, b'rikonoxximent lejh għal-lealtà tiegħu lejn il-lokalità tal-Kalkara, lejn il-morda u l-ħabsin u bħala paniġerista. Għal din l-okkażjoni, fost il-familjari tiegħu kien hemm preżenti wkoll il-Provinċjal Fr Martin Micallef u Fr Raymond Bonnici. Nifirħulu u nawgurawlu.



*Fr Martin Micallef, Kapuċċin, jirċievi ĠIEĦ IL-KALKARA*

## Attivitajiet fi żmien il-Milied b'risq persuni foqra

Matul iż-żmien tal-Avvent u l-Milied, diversi kunventi tagħna ħasbu biex jgħinu lil dawk li huma inqas ixxurtjati minna. Dawn l-attivitajiet ħadu forom differenti.

- Fil-knisja tal-Furjana tħejjiet siġra tal-Milied armata bil-boċċi, li n-nies setgħet tieħu, biex filwaqt li dawn jitpoġġew fis-siġar tal-Milied fi djarhom, jagħtu offerta fi flus. Il-flus ta' dawn il-boċċi marru b'risq it-tfal ta' dawk li qed jgħaddu żmien fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, li lilhom aħna, bħala Kapuċċini, qed nagħtu assistenza pastorali u spiritwali.



*Is-siġra tal-Milied imżejna fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana*

- Fil-parroċċa ta' San Ġwann ġiet ukoll armata siġra tal-Milied, li minnha l-parruċċani setgħu jkunu jafu x'rigali xtaqu t-tfal tal-istitut u jixtruhomlhom.



*Ir-rigali li ngħataw lit-tfal tal-istituti mill-parroċċa ta' San Ġwann*

- Fil-kunvent tagħna tal-Kalkara, f'jum il-Milied, il-fraternità qasmet l-ikla tagħha ta' nofsinhar mar-residenti ta' Dar Victoria.



*L-ikla li saret fil-fraternità tal-Kalkara*

- L-attenzjoni tagħna lejn l-immigranti li jinsabu fostna ma naqsitx. Permezz tal-Fondazzjoni Paċi u Ġid, grupp ġmielu ta' immigranti, speċjalment dawk li b'mod regolari qed nagħtuhom għajnuna fuq livell pastorali u soċjali, ġew mistiedna għall-ikla tal-Milied f'restorant li joffri ikel Afrikan. Aktar minn hekk, nhar il-Milied numru mdaqqas ta' tfal ġew mogħtija diversi rigali f'ġugarelli, ilbies u affarijiet neċessarji għall-iskola.



*L-omm mill-Eritrea ferħana tirċievi rigal għal binha*



*It-tfal tal-immigranti f'Malta jirċievu r-rigali tal-Milied*

Dawn il-mumenti kienu mod kif aħna stajna verament nuru li ninsabu viċin il-fqar ta' żminijietna, u li aħna konxji tat-tbatija li hawn fis-soċjetà tagħna.

## Laqgħa tal-Milied fuq livell provinċjali

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Diċembru 2016, festa tal-Martri Innoċenti, ġiet iċċelebrata laqgħa fraterna fuq livell ta' provinċja fil-knisja u l-kunvent tagħna l-Kapuċċini, fil-Furjana. L-Aħwa ltqajna fil-knisja tas-Salib Imqaddes għal ħin ta' talb flimkien. Wara li saret it-talba tal-Għasar, il-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef wassal il-kelmtejn tiegħu, fejn wara li għamel riflessjoni spiritwali fuq is-suġġett tal-festa ċċelebrata f'dak il-jum, għadda biex ta informazzjoni ġenerali dwar dak li sar fi ħdan il-provinċja mill-Kapitlu Provinċjali 'l hawn, u dak li hemm ippjanat li jsir.



Wara li ngħatat il-barka sagramentali, bħalma jsir ta' kull sena, ġew imfakkra l-Aħwa Kapuċċini li fis-sena 2016 iċċelebraw xi anniversarju speċjali fi ħdan l-Ordni.

**Dawn huma:**

**50 SENA ORDINAZZJONI PRESBITERALI (20.03.1966)**



Patri Wistin Attard



Mons. Pawlu Darmanin



Patri Teodosju Meli

**50 SENA PROFESSJONI PERPETWA (30.01.1966)**

Patri Lawrenz Briffa

Mons. Joseph Alessandro

Patri Victor Spiteri ▶



**50 SENA PROFESSJONI SEMPLIĊI (25.09.1966)**

Patri Philip Cutajar ▶



Mons. Emanuel Barbara

**25 SENA ORDINAZZJONI PRESBITERALI (05.07.1991)**



Patri Paul Bugeja



Patri Martin Mamo

## 25 SENA PROFESSJONI PERPETWA (14.06.1991)



Fra Charles Azzopardi



Fra Luciano Baldacchino

Wara l-Aħwa kollha preżenti għaddew għas-sala tar-refettorju, bil-għan li nkomplu naqsmu flimkien l-awguri u l-ferħ marbutin ma' dan iż-żmien qaddis tal-Milied.

## F'laqgħa mal-Arċisqof għall-awguri tal-Milied

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2016, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna laqa' għandu lil kull min xtaq li jmur sabiex iwassallu l-awguri tal-Milied u tas-sena l-ġdida. Il-Fondazzjoni Paċi u Ġid, li hi entità fi ħdan il-provinċja tal-Kapuċċini u li taħdem favur l-immigranti f'Malta, kienet preżenti flimkien ma' NGOs oħra li qed jaħdmu għall-istess għan.



***Rappreżentanti ta' diversi fondazzjonijiet u NGOs li jaħdmu favur l-immigranti f'Malta flimkien mal-Arċisqof***

L-għan tal-preżenza tal-Fondazzjoni Paċi u Ġid, flimkien ma' diversi entitajiet oħra li qed jaħdmu favur u mal-immigranti li hawn fostna, kien li nuru li l-Knisja hija kontra li grupp ta' immigranti mill-Mali jiġu kontra r-rieda tagħhom mibugħtin lejn pajjiżhom, bil-periklu li hemm jiġu kkastigati. L-Arċisqof, fil-messaġġ li ta lill-poplu Malti, kien ċar dwar dan il-punt, meta proprju bħala l-ewwel suġġett fid-diskors tiegħu qal: "*Jiena nixtieq ningħaqad anke mal-Eċċellenza Tagħha, il-President tar-Repubblika, fl-appell li għamlet biex aħna nkunu dejjem soċjetà akkoljenti, li tilqa' lil kull min għandu bżonn, anke jekk din tfisser sfida fiċ-ċirkostanzi tagħna. F'sitwazzjoni fejn aħna, għall-grazzja t'Alla, ingawdu minn sitwazzjoni ekonomika tajba – u ta' dan nirringrazzjaw lil min hu responsabbli, lill-gvern Malti, ta' dawn is-sitwazzjonijiet daqshekk tajbin ekonomikament – ftit għandna skużi biex ma nkunux ġenerużi ma' ħaddieħor. Anzi dan il-ġid huwa għalina okkażjoni biex inkunu iżjed ġenerużi. Għandna suq ta' xogħol kbir, għandna wkoll potenzjal li nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor; ejjew nirringrazzjaw lil Alla tal-ġid li għandna billi jkollna l-kuraġġ, il-ġenerożità, naqsmuh bejnietna u ma' ħaddieħor.*"

Għal dan il-għan, il-Fondazzjoni Paċi u Ġid ħadet ħsieb ukoll li tiġbor firem bil-għan li jintbagħtu lill-Prim Ministru ta' Malta u lill-Ministru tal-Intern, biex il-gvern Malti jbiddel id-deċiżjoni tiegħu. Nawguraw li din is-sitwazzjoni jkollha tmiem feliċi.

## Tliet sagristiji tal-knejjes Kapuċċini fil-kalendarju tal-BOV




***Il-faċċata tal-kalendarju tal-BOV, li turi parti mis-sagristija tal-Kapuċċini fil-Furjana***

Bħal kull sena l-Bank of Valletta ħaseb sabiex jippubblika l-kalendarju tas-sena. Għal din is-sena, 2017, it-tema ta' dan il-kalendarju hija dik tas-sagristiji. L-għan ta' din it-tema kien li l-pubbliku japprezza aktar ix-xogħol artistiku, antik, storiku u fuq kollox dak li hu Malti. Il-BOV għoġobhom jagħżlu tliet sagristiji tagħna, dawk tal-Furjana, tal-Kalkara u ta' Għawdex. Dawn is-sagristiji tagħna ġew magħżula minn diversi sagristiji ta' knejjes oħrajn minn madwar Malta u Għawdex. F'kull ritratt tas-sagristiji tal-knejjes tagħna dehru wkoll uħud mill-Aħwa tagħna waqt




*Is-sagristija tal-knisja ta' Santa Barbara fil-Kalkara*




*Is-sagristija tal-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana*




*Is-sagristija tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Għawdex*

il-preparazzjoni għal-liturġija. Ir-ritratt tas-sagristija tal-Furjana ntuża wkoll għall-faċċata tal-istess kalendarju. Il-Ministru Provinċjal, Ħuna Martin Micallef, ġie pprezentat kalendarju mid-Direttur tal-BOV f'laqgħa fil-kunvent tagħna tal-Furjana.

## Il-laqgħa annwali tal-Epifanija u tlugħ tal-lotterija

Il-festa tal-Epifanija hija issa data fissa fil-kalendarju tal-attivitajiet li l-Uffiċċju tal-Missjoni jorganizza kull sena. Nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2017, saret il-laqgħa annwali, li għaliha ġew mistiedna diversi benefatturi tal-missjoni, fosthom dawk li jagħtu kontribut permezz tal-artikli u dawk li jqassmu r-rivista *Dawl Franġiskan*.



*Il-ftuħ u t-tberik tal-Uffiċċju Missjunarju fil-Furjana*



*Dehra ġdida tax-xogħol ta' tiġdid li sar fl-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini fil-Furjana*

Matul din il-laqgħa kellna kelmtejn tal-okkażjoni kemm mill-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef kif ukoll mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Pawlu Darmanin. Ħuna Philip Cutajar, bħala direttur responsabbli mill-ħidma missjunarja, fid-diskors tiegħu fisser il-għan tal-laqgħa, speċjalment dak li trodd ħajr lill-benefatturi kollha tal-missjoni, fisser il-ħidma li saret matul is-sena 2016 kif ukoll ta rendikont tal-ġbir li sar mill-ħafna benefatturi Maltin u Għawdxin, u anke kif dawn il-flus ġew imħaddma b'risq id-diversi proġetti fil-Kenja.

Fil-bidu tal-attività sar il-ftuħ u t-tberik tal-Uffiċċju tal-Missjoni mill-Ministru Provinċjal, wara li sarlu restawr fl-għamara, fid-dwal u l-preżentazzjoni tiegħu. Dawk kollha preżenti apprezzaw u ammiraw ix-xogħol li sar sabiex dan l-uffiċċju jieħu dehra ġdida.

Matul l-attività, bħal kull sena jsir it-tlugħ tal-lotterija li ssir b'risq il-missjoni. Il-biljetti rebbieħa huma dawn:

L-EWWEL PREMJU
GREZZJU CUTAJAR mill-Fgura

IT-TIENI PREMJU
TONY C. CUTAJAR minn San Ġwann

IT-TIELET PREMJU
CARMEN AZZOPARDI mill-Furjana

IR-RABA' PREMJU
GEORGE WHELBALE minn Marsaxlokk



Aħwa li ħallewna
FR PHILIP CUTAJAR OFMCAP

# IL-FRA LI GĦAMEL ĦAFNA ĠID

Lanqas kienu għaddew 36 siegħa minn mindu Ħuna Fr Joe Saliba, Kapuċċin, mar għand il-Mulej, li Kapuċċin ieħor, din id-darba Ħuna Joe Vella, ma marx warajh. Tlifna żewġ Aħwa f'jumejn. Ħuna Fr Joe Saliba ħalliena fl-għomor ta' 63 sena, filwaqt li Ħuna Fra Joe Vella laħaq l-età ta' 56 sena. Jidher li l-Mulej ried jeħodhom biex jiċċelebraw miegħu l-ħniena, li hawn kienet it-tnejn għal qalbhom, l-ewwel wieħed mal-morda fil-kunventi tagħna u fl-isptarijiet, filwaqt li l-ieħor mal-batuti b'ħafna modi, kemm fil-kunventi kif ukoll fil-missjoni.

Ħuna Fra Joe twieled fl-1 ta' Mejju 1960 f'Ħaż-Żabbar. Huwa t-tielet minn tmien aħwa, ulied Karmenu u Karmena Vella. Fl-24 ta' Ġunju 1985 huwa ngħaqad mal-Aħwa Minuri Kapuċċini Maltin bħala postulant fil-kunvent ta' Santa Liberata, il-Kalkara.

Fit-28 ta' Ġunju 1986 huwa beda n-novizzjat fil-kunvent tal-Kapuċċini f'Għajn Dwieli. Sena wara, jiġifieri fit-8 ta' Lulju 1987, huwa għamel il-professjoni sempliċi. Ftit wara, jiġifieri fl-1989, huwa mar il-Kenja sabiex jagħmel esperjenza missjunarja filwaqt li jkompli l-formazzjoni tal-bidu tiegħu hemmhekk.

Fl-14 ta' Ġunju 1991 huwa għamel il-professjoni perpetwa fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana. Ftit wara rritorna l-Kenja, fejn għamel diversi ħidmiet manwali fil-postijiet fejn hemm jaħdmu l-Kapuċċini Maltin. Fost id-diversi ħidmiet missjunarji li wettaq kien hemm dik li 'jitma' lil min hu bil-ġuħ', għall-fatt li l-isqfijiet Maltin kienu jħallu f'idejh it-tqassim ta' tunnellati ta' ikel mibgħut f'Garissa f'mumenti ta' nixfa u ġuħ kbir, li kienu jsofru kemm il-popolazzjoni lokali kif ukoll l-eluf kbar ta' refuġjati li kienu jaslu mill-Etjopja, is-Sudan, is-Somalja u mhux inqas minn pajjiżi oħra, bħall-Uganda u l-Kongo. Huwa kien jagħmel dan ix-xogħol b'reqqa u dedikazzjoni kbira, tant li l-organizzazzjonijiet internazzjonali li kienu jibagħtu l-ikel kienu tawh ċertifikat tajjeb meta qalu lill-Isqof Paul Darmanin: *"Aħna nħallu f'idejkom it-tqassim tal-ikel, għax lilkom nafdawkom b'għajnejna magħluqa."* Wisq probabbli l-esperjenza missjunarja li għamel fil-Kenja ġabitu qrib il-bolol li aħna niġbru b'risq din il-ħidma. Huwa kien kollezzjonista tal-bolol.





Ħuna Joe kompla jgħix u jwettaq l-opri tal-ħniena billi meta rritorna għalkollox f'Malta ta s-sehem tiegħu fil-Fondazzjoni Suret il-Bniedem. Għal xi żmien kien ukoll imsejjaħ sabiex jgħin u jagħti kull għajnuna meħtieġa lill-kappillani tal-isptarijiet fit-twettiq ta' dmirijiethom. Huwa kien fil-fraternitajiet tal-Kalkara, tax-Xemxija, tal-Furjana u ta' Għajn Dwieli.



Ma' dawn il-ħidmiet kollha huwa kien ukoll bniedem ta' talb. Arah jitlob mal-fraternità u mhux inqas jipprepara biex imur jitlob mal-gruppi tal-Mixja Neo-Katekumenali u jagħtihom xi ħsieb sabiħ dwar il-Kelma ta' Alla. Pjuttost kellu karattru ċajtier, ta' qalb tajba, pożittiv, jgħix l-isfidi tal-ħajja bi trankwillità kbira u saqajh mal-art.

Kif qal il-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef fl-omelija nhar il-funeral, bil-knisja ta' Għajn Dwieli mimlija bin-nies, "Br Joe kien





dejjem lest jgħin lil kulħadd sakemm seta', sal-aħħar. Aħna ċerti li l-Mulej, meta deher quddiemu, fakkru f'dan kollu, għax tassew ma marx b'idejh vojta."



Il-mard ma jaħfirha lil ħadd. Lanqas lil fra twajjeb bħalma kien Joe. Madankollu, anke jekk il-mard ħabbtu sewwa, Fra Joe baqa' dejjem ottimist. Dan l-aħħar huwa kien rikoverat għand il-Little Sisters of the Poor. Huwa miet fl-isptar Mater Dei, fejn kien għall-kura, nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2016. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja ta' Sant'Antnin, f'Għajn Dwieli, u d-difna saret fl-oqbra tal-provinċja fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata.

Grazzi, Joe, ta' ħajtek! Il-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem. Filwaqt li aħna, għax hu dmirna, inkomplu nitolbu għalik, int ukoll min-naħa tiegħek mis-sema kompli interċedi għalina!





Reliġjon u Kultura

IL-KAV. JOE M. ATTARD

# KEMM RAJT PRESEPJI SBIEĦ DAN IL-MILIED!

Il-Milied ġie u għadda, iżda din is-sena f'Għawdex kellna għadd sabiħ ta' presepji mferrxin mal-gżira kollha. Jiena nħoss li l-Milied bla presepju mhux Milied. Sbieħ il-parties, il-ġiri għar-rigali, in-novena, il-prietka tat-tifel, il-purċissjoni bil-bambin li jagħmlu tal-Mużew, il-pageant f'San Lawrenz, is-serati tal-Milied. Kollha sbieħ, imma żgur li xejn u ħadd ma jgħaddi l-presepju.

U għalhekk f'Għawdex f'Ottubru tal-1985 kienet twaqqfet l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, biex tkompli tħeġġeġ din id-drawwa sabiħa u għażiża ta' missirijietna li f'kull dar jintrama l-presepju. U naħseb li l-għaqda qed tilħaq dan il-għan. Apparti l-fatt li l-għaqda ta' kull sena tagħmel wirja ta' presepji fis-sala ewlenija tal-Ministeru għal Għawdex, li din is-sena wkoll żaruha ħafna nies minn kullimkien, fil-Milied ħafna qed ikunu dawk li jagħmlu l-presepju. L-oqsma tal-Mużew f'Għawdex kollha jibnu xi tip ta' presepju għall-membri u s-soċji tagħhom. Jien irnexxieli mmur nara dawk tax-Xagħra, ix-Xewkija, ir-Rabat u n-Nadur, li mhux biss bnew il-presepju imma żejnu wkoll din id-dar, fejn ta' kuljum ħafna tfal u żgħażagħ imorru jitgħallmu d-duttrina u jieħdu l-formazzjoni tagħhom, li tibqa' magħhom għal ħajjithom.

Mort imbagħad inżur dawk il-presepji li fetħu beraħ il-bibien tagħhom għall-pubbliku, u bqajt tassew skantat kemm għandna nies tas-sengħa u b'fantasija. Ma' dan it-tagħrif qed nurikom xi presepji tassew sbieħ li rajt għand David Xuereb fiż-Żebbuġ, fuq ir-riħ ta' Marsalforn, fejn ħalla l-karkura x-xitan. Tassew ma xtaqtx noħroġ minngħandu, għax bena għadd ta' presepji l-ġmiel tagħhom, b'pasturi kollha maħduma bl-idejn, il-parti l-kbira tagħhom minn artisti Maltin u minn Joe Camilleri, magħruf bħala 'l-Grigal', membru tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex–Malta 1985. Dħalt nara wkoll il-presepju fil-knisja parrokkjali, u tassew ħadt gost waqt li kont qed nattendi għall-kunċert sabiħ tal-Milied mill-kor parrokkjali Regina Angelorum. Fi triqti lura lejn ir-Rabat pajjiżi għaddejt mill-Għasri, fejn fil-bidu tiegħu rajt l-iżgħar presepju mibni, ġo daqsxejn ta' rewwieħa m'ogħla bniedem mill-art u magħluqa minn xibka tal-ħadid biex ħadd ma jmiss il-persunaġġi u l-bhejjem li jagħmlu n-nativitá. Fl-isfond tagħha lmaħt ukoll ix-xbieha ta' żiemel. Ma nistagħġibx jekk hawn irabbu xi wieħed, għax biex tagħqad fuq il-bieb ta' biswit rajt miktubin il-kelmiet 'Dar l-istalel'! Prosit!

Lura fil-Belt Victoria mort nara l-presepju sabiħ u li trid seba' għajnejn biex tarah, dak ta' Frankie Mizzi mill-Belt Victoria, li għalkemm mhux miftuħ għall-pubbliku, xorta laqagħni għandu biex narah, u li huwa komdu biżżejjed biex iżommu armat is-sena kollha. Fl-Għarb laqagħni b'idejh miftuħa Joe Theuma, li bena presepju b'ġebel li ftit tara bħalu, u sibtu diġà qed jaħseb għal żmien ir-Randan.

Fix-Xewkija nsibu wieħed ta' ċertu kobor fil-knisja rotunda tal-Battista, waqt li taħt il-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem, fejn insibu wkoll l-istazzjon tar-radju parrokkjali, Pawlu Stellini rnexxielu joħloq nistgħu ngħidu mużew tal-presepji, fejn hemm għall-wiri diversi presepji, b'pasturi verament tal-ġenn li ħarġu minn idejn artisti lokali, Taljani u barranin oħra. Prosit tassew, Pawlu!

Bla dubju ta' xejn, kif kont Għajnsielem ingħaqadt ma' tant persuni biex inżur *Betlem f'Għajnsielem*, u rkibt id-dgħajsa u għaddejt minn fuq il-pont waqt li doqt ukoll il-pizza sħuna ħierġa mill-forn, u bla dubju żort l-għar, fejn kien hemm ix-xena ħajja tat-twelid tal-Bambin. Ngħid li għal darba oħra dan kien esperiment li rnexxa, imma sewwa li l-organizzaturi ma jitbegħdux kemm jista' jkun mill-istampa ta' Betlem ta' elfejn sena ilu, biex żjara hawnhekk ma tinbidilx f'xalata fejn kulħadd jiekol u jixrob, imma l-familja ssib verament l-ispirtu qaddis tal-Milied, li għalih inħoloq dan il-proġett! Nissuġġerixxi li jiżdied xi ftit id-dawl, li jkun jista' jgħin lil dak li jkun jimxi b'iktar ħeffa u llibertà hekk kif jibda jidlam, u forsi anke titwaħħal xi tabella kbira bil-postijiet ta' interess, u tkun imdawla biex isservi ta' gwida għal tant nies li jżuru din l-inizjattiva unika fil-gżejjer Maltin. Il-wasla tas-Slaten Maġi l-Ħadd waranofsinhar nistgħu ngħidu li tkun iċ-ċirasa fuq il-kejk.

Il-ħabib tiegħi Herman Mifsud ukoll laqagħni fil-garaxx biex nara l-presepju sabiħ tiegħu. Fi triqti lejn in-Nadur stajt nara l-presepju tal-patrijiet Ta' Ġieżu;

insellem minn hawn lil Patri Marcello Ghirlando, li ngħaqad ma' din il-komunità. Fin-Nadur, apparti dak tal-qasam tal-Mużew, li ħa kamra sħiħa u tassew għoġobni, mal-familja dħalt nara presepju tassew ħaj mifrux u mqassam tajjeb, fejn l-imbuljuta u l-ħobż fil-forn kienu b'xejn kontinwament għal min iżur il-post. Prosit lil tant żgħażagħ li joffru xi ftit mill-ħin liberu tagħhom biex janimaw din l-istorja tas-salvazzjoni tagħna!

Fil-Belt Victoria, fejn noqgħod jien, rajt ukoll għadd sabiħ ta' presepji, fosthom presepju mekkaniku għall-aħħar maġenb il-knisja ta' San Franġisk, u tefgħa ta' ġebla bogħod dak li tana Anton Sillato, li bnieh fl-istess knisja Franġiskana, imżejna tant tajjeb għall-Milied. Minn wara l-antiporta stajt nara l-presepju ta' Carmel Grech fi Triq il-Kapuċċini, u bqajt skantat bl-għadd kbir ta' movimenti fil-presepju ta' Joseph Attard, li joqgħod fi Triq Sagħtar, li sena wara sena qed jissokta jżid fil-presepju tiegħu. Ħdejn Pjazza Santu Wistin rajt il-presepju tal-Oratorju Don Bosco, u dħalt għand Salvu Cremona, li mhux biss bena l-presepju imma żejjen ukoll il-faċċata, li żejnet triq sħiħa.

Ħallejt għall-aħħar ix-Xagħrin għax hawnhekk, fir-raħal tal-Ġgantija, kien hemm għadd rekord ta' presepji x'tara u tammira. Hawnhekk insibu wkoll għaqda tal-presepju li hija ferm organizzata u tara li ta' kull sena tippubblika ktejjeb dettaljat li jgħinek tiġri ġirja mar-raħal u tara għadd ta' presepji, wieħed minnhom ħaj, li fih ħadu sehem bhejjem u persunaġġi b'sagrifiċċju mhux żgħir, u li ridt tiġri miegħu bil-karozza biex tarah sewwa (nistqarr il-verità xbajt nistenna fil-kju u dort lura lejn id-dar, u allura ta' min jara x'jista' jsir biex jinqatgħu l-kjuwijiet kbar biex ma jitgerrxux in-nies) – esperiment li reġa' sar, u mhux iktar ħdejn il-knisja tan-Nazzarenu, fejn rajt wieħed taħt il-kunvent tas-sorijiet, li ġieli inzertajtu bix-xita nieżla, flimkien ma' tlieta oħra li ta' kull sena jibni f'daru l-ħabib tiegħi l-marmista Raymond Bonello.

Anke fil-knisja parrokkjali kien hemm għadd ta' presepji fuq l-artali laterali u ieħor kbir f'waħda mill-kappelluni. Jorganizzaw ukoll tour bil-coach mar-raħal, biex dak li jkun jara dawn il-presepji b'ċerta kumdità. Ngħidilhom grazzi li stednuni ningħaqad magħhom għal dan it-tour. Iż-żagħżugħ Aaron Agius ukoll urieni l-presepju interessanti li ħoloq din is-sena! Il-qasam tas-subien tal-Mużew kien fih l-hena żżuru, għax barra li ta' kull sena jippreżenta presepju mekkaniku għall-aħħar, ikun fih wirja ta' presepji maħduma mit-tfal, presepju Naplitan tas-Sinjura Beatrice Cini, flimkien ma' attrazzjonijiet oħra li jsammruk quddiemhom għal ħin twil.

Mhux bogħod minn hawn rajt żewġ presepji oħra kif tilwi l-kantuniera, maħduma mill-istess ġuvnott li nsejt x'jismu! Tonio Caruana ta' Triq Vestru wkoll bena ġmiel ta' presepju, flimkien ma' missieru, li ta' kull sena arah iżid xi pastur ġdid ta' Jesmond Micallef. Il-każin tal-banda Victory żamm ukoll l-appuntament tiegħu.

Żgur li f'Għawdex kellna iktar presepji imma li ma kinux għall-wiri, u allura ma tkunx taf bihom u ma tkunx mistieden iżżurhom. Bla dubju sabiħ dak li nbena fil-parroċċa tiegħi ta' San Ġorġ f'waħda mill-kappelluni, u dak fuq stil Għawdxi li bnew iż-żgħażagħ fi Pjazza San Ġorġ, fejn hemm l-istazzjon tal-komunità. Fiċ-Ċittadella ħafna żaru dak li bena Giovann Cassar, presepista bravu u intelliġenti. Għal sena oħra jiena nħeġġeġ lil kull min jagħmel presepju ta' ċertu daqs biex jiftaħ biebu u jaqsmu ma' ħaddieħor, biex b'hekk tkompli tikber il-kultura favur il-presepju, li huwa l-qofol ta' kull Milied. Jiena rrodd ħajr lil dawk kollha li laqgħuni f'darhom biex nammira l-presepju tagħhom, li ta' kull darba li narah inġarrab ferħ li ma nsibux fid-dinja ta' madwari, imma li jibdilni f'tifel ta' ftit snin, bħalma kien jieħu gost li jkun imdawwar il-Bambin.





Pastorali tas-saħħa fl-isptarijiet

FR MARIO ATTARD OFMCAP

# FATHER, MA NAFX X'SE NAGĦMEL MINGĦAJRU!

Il-mard ma jafx b'festi! Ma jirrispettax l-imħabba tal-familja. Anzi! Bħal ħalliel u brigant jaqbad u jidħol f'territorju li mhuwiex tiegħu. Jibda mill-ġisem u l-moħħ tal-persuna, biex imbagħad iħalli l-marki qerrieda tiegħu fil-qlub tal-familjari u l-ħbieb tal-persuna. Il-mard... x'qerda fih!

Mhux l-ewwel darba li fix-xift tal-kappillani fl-isptar messni naħdem fil-jiem l-aktar għeżież tal-Milied. Immaġina ftit dawk is-swali mżejna sbieħ, bil-kuluri jitfu u jixegħlu, mgħammra għall-okkażjoni bl-isbaħ karti kkuluriti. Biex imbagħad tidħol f'kamra u hemm, quddiem wiċċek, tara raġel qiegħed jieħu l-aħħar nifsijiet, kważi qiegħed jifga fir-rieq tiegħu stess. Raġel li, mid-dehra tiegħu, għad fadallu xi jgawdi. Igawdi lil dawk ta' madwaru, xogħlu. U, għaliex le, itemm il-ħolma li dejjem xtaq li jwettaq. Imma minn dan kollu ma jibqa' proprju xejn għajr il-ħurħara tal-mewt! L-aħħar nifsijiet. Is-sentimenti ta' mħabba, midfuna fl-ibgħad abbiss ta' qalbu, lejn dik li qalbu ħabbet u fdat, u fiha strieħet. Lejn dawk iż-żgħażagħ li bi mħabba kbira ġab fid-dinja, jew ħa ħsiebhom qishom kienu tiegħu stess.

Hekk jiena niftakar, f'jum minnhom, li ġejt imsejjaħ f'din is-sala partikolari. Sala li mhux soltu tintuża għal dawk il-każi ta' qsim il-qalb. Imma, u kienet x'kienet ir-raġuni mhux importanti, dan il-proxxmu ġie mqiegħed hemm. Għalih kienet l-aħħar kamra li minnha kien se jħalli dan il-wied tad-dmugħ biex imur jiltaqa' mal-Ħallieq tiegħu. Darba għal dejjem! 'Il bogħod mill-mard, mill-ħażen kiefer u l-makakkerija qattiela tal-bnedmin! Dan ir-raġel kien qiegħed fl-aħħar nett tal-kalvarju tiegħu fuq din l-art.



Diġà ritratt bħal dan huwa ta' qsim il-qalb. Issa dan il-kalvarju dan ir-raġel ma kienx qiegħed jgħixu waħdu. Anzi! Kien hemm il-mara tiegħu u wliedu. Il-mara ta' ħajtu, li min jaf kemm fdalha sigrieti. Qasam magħha tamiet kbar, imħabba kbira li ġegħlithom jiffaċċjaw flimkien l-ogħla qċaċet tal-muntanji, sakemm ħarġu rebbieħa fuqhom it-tnejn flimkien. U issa x'kien fadal għajr il-biċċiet żgħar li ħalliet warajha l-bomba msejħa 'marda'? Marda li faqqgħet bħal sajjetta fil-bnazzi ta' ħajjithom, meta ma kinux qegħdin jistennewha, meta t-tnejn kienu qegħdin joħolmu li jsiru nanniet! U issa? Ma kien fadal xejn għajr it-tifrik. L-irmied. It-tkissir. Il-ħerba!

Wiċċha u wiċċ id-Duluri ma kienx fihom x'tagħżel. Għajnejha jgħumu fid-dmugħ. Għax l-aħbar mingħand it-tabib issa kienet ħaditha. Ma kienx hemm aktar x'tagħmel. It-tama tal-fejqan issa kienet għebet. Kien jonqos biss il-mument tal-firda dejjiema. Il-firda bla qalb tal-mewt. O mewt tal-ġisem, kemm taqsam qlub! Kemm tkisser persuni! Kemm tifga ferħ il-ħajja!

U għaliex il-poplu tagħna għadu jemmen fis-saċerdot, fil-patri, għaliex fih għadu jara lil Ġesù Kristu nnifsu, resqet ħdejja u tarrfitli fuq fuq u minn taħt l-ilsien il-ħolma tagħhom. Ħaġa qaddisa! U tant kemm hi sagra li s-skiet biss għandu l-ħila jgeżwirha fih! U qalbi nqasmet



tant li issa, minħabba dan il-ħalliel u brigant kiefer tal-mard, din il-ħolma sabiħa ma setgħetx tiġi mitmuma. “Father, ma nafx x’se nagħmel mingħajru!”

Ittiha xi tort? X’taqbad tgħidilha? Ħassitha bħal dgħajsa togħla u tinżel mal-mewġ fl-eħrex maltempata! U x’kull mewġa bdiet ġejja fuqha! Mewġ u ħalel għoljin is-sulari! U x’se tagħmel din id-dgħajsa, li mal-ewwel daqqa t’għajn kienet donnha ddestinata biex tinżel fil-profondità tal-abbissi tal-ilmijiet?

Ippreferejt inħalli s-skiet isaltan bejnietna. Ma kienx hemm xi tgħid. Terġa’ u tgħid, għad-dehra ta’ dawk l-ulied imkissra, qalbhom maqtugħa għalkollox, liema fomm seta’ tabilħaqq jiġbed xi konklużjoni? Min tassew kellu d-dritt li jieħu s-sitwazzjoni f’idejh u jgħid kelma? Jewwilla l-kappillan? Madankollu l-kappillan kellu obbligu x’jagħmel. L-għaliex minħabba fih li ġie msejjaħ. Kellu l-obbligu li jidlek lir-raġel biż-żejt imqaddes tad-Dilka tal-Morda.

U dan hu li għamilt. Biss, ma rridx nagħmel din il-biċċa xogħol bla kont, ejja ħa mmorru, biex ngħidu li saret! Stedinthom jersqu miegħi lejn soddtu. Hemm kien hu. B’għajnejh miftuħa. Bir-rieq ħiereġ minn ħalqu. Jitħabat għal kull nifs li jieħu. Sakemm jieħu l-aħħar wieħed u... jistrieħ għal dejjem.

Ħriġt iż-żejt tad-Dilka. Raddejna s-salib flimkien. Sar is-sagrament. Imma... l-Imgħallem, fil-qalb tiegħi, ried xi ħaġa iżjed minni. Fhimt x’ried! Daħħalt idejja fil-pettolina. Ħriġt mazz żgħir ta’ kopji tal-kurunella tal-Ħniena Divina. Qassamthomlhom. Ħriġt il-kuruna tar-rużarju u bdejna nitolbu l-kurunella flimkien. It-talba dehret li ġmielha bdiet tikkalmahom. Għaliex, għalkemm xorta waħda ħassew id-dulur, madankollu l-effett kien konfortanti għall-aħħar.

Wara li berikthom u sellimtilhom, ħaġa waħda kkonkludejt minn din il-vista. Ħaġa li l-mara kienet qalithieli minn taħt l-ilsien. “Ma nafx x’naqbad nagħmel mingħajru!”


In-Nisġa ta’ Ħajti

Patri **Joe Mallia** FRANĠISKAN KAPUĊĊIN



F’dan il-ktieb l-awtur jagħtina l-awtobijografija minsuġa b’diversi rakkonti kemm ta’ tfulitu, tal-vokazzjoni tiegħu u mhux inqas tad-diversi ħidmiet pastorali li wettaq kemm bħala missjunarju fl-Indja u mhux inqas f’Malta.

JINBIEGĦ 10 EWRO.
IL-QLIGĦ IMUR KOLLU
GĦALL-MISSJONI
TAL-KAPUĊĊINI FIL-KENJA.



Mill-Kċina tal-Kunvent

Patri Paul Bugeja OFMCap



Id-dħul kollu mill-bejgħ ta’ dan il-ktieb qed imur b’risq il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Ixtri kopja u tkun qed tgħin il-missjoni.

Bejgħ mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana





JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL & MGT)

LEJN IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-BELT VALLETTA BĦALA L-BELT KAPITALI TAL-EWROPA

# IL-GRAN MASTRU JEAN DE VALETTE, IL-FUNDATUR TAL-BELT VALLETTA

IT-TIENI PARTI

Meta l-Kavallieri waslu Malta, bdew jaħsbu biex isaħħu s-swar bħala difiża ta' Malta. L-ikbar problema kienet il-Birgu, il-belt tas-sede tal-Ordni. Din il-belt kienet mibnija fuq art baxxa, waqt li quddiemha, biex is-sitwazzjoni tkun agħar, kien hemm art għolja, vojta minn kull bini, li waqt xi attakk jew inżul tal-għadu setgħet tintuża bħala bażi kontra d-difiża tal-Birgu. Kien il-Gran Mastru Juan D'Omedes li fuq il-parir ta' Fra Leone Strozzi ġab il-perit u inġinier Antonio Ferramolino. Il-Gran Mastru ta' warajh ma tantx wera ħeġġa biex jibni belt ġdida. Kien il-Gran Mastru Jean de Valette li għamel il-pass konkret biex tissolva din il-problema.

## Il-Gran Mastru

Jean de Valette kien kavallier mil-Lingwa ta' Provenza. Ġie maħtur Gran Mastru fil-21 t'Awwissu 1557. Kien bniedem ta' saħħa kbira u kellu determinazzjoni qawwija biex isaħħaħ l-Ordni. Biex iwettaq dan il-pjan kellu jaqbad erba' toroq. L-ewwel triq kienet li jsaħħaħ il-poter tal-Kavallieri. Kull ambizzjoni tal-poplu Malti kellha tkun imkissra. Il-mexxejja Maltin kellu jeħles minnhom. Hekk ġralu Mattew (jew Ġużeppi) Callus. Min-naħa l-oħra, il-'parlament Malti' (l-Università) kellha titneżża' minn kull dritt li kellha, u fl-istess ħin kull kuntatt ma' Sqallija kellu jispiċċa darba għal dejjem. De Valette ried li l-poter ikun kollu kemm hu f'idejh.

It-tieni triq kienet li jikseb kull dritt li kellu r-Re ta' Spanja. Malta kienet parti mir-Renju ta' Sqallija, u dan ir-renju kien tar-Re ta' Spanja. Għalhekk kull inkwiet bejn is-sidien fewdatarji kellu jispiċċa fit-tribunal tal-Ordni, u mhux aktar imur fuq il-mejda tar-Re Spanjol. Anke d-dritt tal-investitura ta' mexxej ġdid tal-Ordni, li kellu l-Viċirè ta' Sqallija, kellu jispiċċa.

It-tielet triq kienet dik li twassal sal-Knisja. Hu ma aċċettax it-twaqqif tal-uffiċċju tal-Inkwiżitur f'Malta. Għal darba darbtejn ma ħalliex dan l-uffiċċju jiftaħ f'Malta.

Ir-raba' u l-aħħar triq kienet Tripli. Meta l-Kavallieri ġew mogħtija l-arċipielgu ta' Malta, kien hemm ukoll il-fortizza u l-belt ta' Tripli. Meta din waqgħet f'idejn l-għadu, il-Gran Mastru ħeġġeġ lir-Re Filippu ta' Spanja biex joħodha mill ġdid taħt idejh, tant li fl-1559 ir-Re Spanjol ħatar id-Duka ta' Medina Ceti, li kien il-Viċirè ta' Sqallija, biex imexxi armata kontra l-gżira ta' Ġerba fl-1560.



## L-Assedju l-Kbir

Meta l-Kavallieri ħatfu l-ġifen *Gran Sultana*, is-Sultan Tork iddeċieda li jeqred l-Ordni. Fit-18 ta' Mejju 1565 waslu Malta madwar 138 ġifen Tork taħt it-tmexxija ta' Pialì Pasha. Fuq dawn l-iġfna kien hemm madwar 40,000 suldat taħt it-tmexxija ta' Mustafà Pasha. L-Assedju kien beda. Wasal Dragut u l-Assedju kompla.



*Il-Birgu – il-qalba tal-Birgu. Fi żmien De Valette il-knisja ta' San Lawrenz kienet il-knisja konventwali.*

Dam 4 xhur, iżda fis-6 ta' Settembru t-Torok iddeċidew li jħallu Malta. Din kienet rebħa għall-Ordni u fuq kollox għall-Gran Mastru. De Valette ħass li issa kien il-mument ideali biex isolvi l-problema tad-difiża ta' Malta, bil-bini tal-belt il-ġdida fuq l-Għolja Xebb ir-Ras. Il-flus waslu sew mingħand il-Papa Piju V u sew mingħand ir-Re ta' Spanja – Filippu. Wasal il-perit u inġinier militari Francesco Laparelli u sena wara r-rebħa tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' din il-belt. Il-Maltin ħassew li kellhom jgħinu b'kull mod fil-bini tagħha. Permezz tar-rebħa de Valette kiseb ir-rispett tal-poplu Malti. Issa l-Maltin bdew jafdawh b'għajnejhom magħluqa. Tant kienu jafdawh li minflok kienu jitħallsu



*De Valette*



b'munita tal-fidda kienu jitħallsu b'munita tar-ram – il-patakka.

Fil-21 t'Awwissu 1568, waqt li l-bini tal-Belt Valletta kompla, Il-Gran Mastru Jean de Valette ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Għall-ewwel indifen fl-ewwel bini tal-belt il-ġdida – il-knisja tal-Vitorja. Illum il-qabar ta' dan il-mexxej jinsab fil-kripta tal-Konkatidral ta' San Ġwann. Fil-kripta hemm il-qabar tal-ewwel gran mastri ta' Malta. Din il-belt, ħolma u xewqa ta' ħafna kavallieri, ġiet imsemmija għall-Gran Mastru li tant ħadem għaliha – Jean de Valette. Bħala tifkira tal-fundatur tal-Belt Valletta, wieħed mill-każini tal-baned Beltin hu ddedikat lil dan il-gran mastru. Sew il-każin u sew il-banda huma magħrufa bħala ta' La Valette. L-arma tal-Belt Valletta turi l-iljun, li hu l-annimal marbut mal-arma ta' dan il-gran mastru.





Spiritwalità Biblika

FR CHARLES BUTTIGIEG

"JAQSMU L-ĦOBŻ FI DJARHOM U JISSIEĦBU FL-IKEL BI QLUB FERĦANA U SAFJA" (ATTI TAL-APPOSTLI 2, 46)

# L-IMĦABBA TAL-AĦWA: IL-ĦAJJA TAL-EWWEL INSARA

## Introduzzjoni

Il-Knisja fil-bidu kibret bħalma għaġna tikber permezz tal-ħmira. Il-ħmira tal-Knisja hija dik tal-Ispirtu s-Santu li niżel fuq il-Knisja nhar il-festa ta' Pentekoste. Din il-Knisja, imwaqqfa minn Kristu u mmexxija mill-appostli u minn dawk magħżula minn Kristu, ħadmet bla heda, minkejja l-persekuzzjonijiet, biex ixxandar il-kerigma tal-qawmien ta' Kristu, li Kristu hu tassew ħaj u preżenti fil-komunità.

## Il-Knisja appostolika

Ħafna minn dak li nafu fuq il-Knisja sas-sena 100 w.K. nsibuh fl-Atti tal-Appostli, li jirrappreżentawlna l-episodji tat-tixrid tal-Vanġelu u l-persunaġġi li taw sehemhom għal dan. Aktarx li ftit ġimgħat wara l-qawmien ta' Ġesù, l-appostli ffurmaw komunità f'Ġerusalemm, immexxija minn San Pietru. Għall-ewwel l-Insara baqgħu bid-drawwiet tal-Lhud. Ma waqfux li jattendu fit-tempju u fis-sinagogi. Imma fl-istess ħin ġiet iffurmata komunità li kienet tiltaqa' madwar l-ewkaristija, fejn kienu "jaqsmu l-ħobż fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja" (Atti 2, 46). Il-problemi ma naqsux, u sa minn ftit żmien biss wara dan kollu, l-ewwel komunità kellha tiddixxerni u tieħu deċiżjonijiet xi ftit ibsin biex setgħet tiddistingwi ruħha mir-reliġjon Ġudajka u tgħix verament il-missjoni tagħha, li lilha kien fada Ġesù.

Żgur li wieħed mill-eżempji ewlenin ta' tiġdid fl-ewwel komunità Nisranija kien is-soluzzjoni li l-appostli taw għan-nuqqas ta' qbil bejn il-Lhud Griegi u l-Lhud. Peress li ma kienx hemm min jieħu ħsieb ir-romol u huma ma setgħux jillimitaw ruħhom għal dan ix-xogħol, għax il-mandat tagħhom kien li jgħallmu u jxandru l-bxara t-tajba, ħarġu bl-idea kreattiva tad-djakni, li b'fedeltà mat-tagħlim ta' Kristu kienet tiffavorixxi l-emarġinati. Din is-soluzzjoni tad-djakni kienet waħda kreattiva għax ħarġet mingħand l-appostli.

Mudell evanġeliku ieħor ta' kif għandha tkun il-fedeltà kreattiva hu dak ta' Pietru. Dan, wara li pprietka l-bxara t-tajba fid-dar ta' Cornelius, ġietu ispirazzjoni divina li jgħammed lil Cornelius u lill-pagani l-oħra miġbura mingħajr ma jgħabbihom bil-piż tal-liġi Lhudija. Imma l-Lhud Insara baqgħu jsostnu li l-pagani li kienu jsiru Nsara kellhom joqogħdu għad-drawwiet Lhud ukoll, u Pietru mhux dejjem kien konsistenti. Kontra l-opri tal-liġi tal-Lhud, San Pawl insista fuq il-ħtieġa tal-fidi għas-salvazzjoni, u dan in-nuqqas ta' qbil wassal għall-persekuzzjoni. San Pawl mar Ġerusalemm biex ma' Pietru u Ġakbu ż-Żgħir u mexxejja oħrajn jiddiskutu jekk il-pagani kellhomx jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni meta jikkonvertu. Din il-laqgħa tissejjaħ 'il-Konċilju ta' Ġerusalemm'. Il-konċilju qatagħha li l-liġi Lhudija ma kellhiex tkun obbligatorja għall-Ġentili li jikkonvertu. San Pawl ħadha kontra dawk li riedu jitfgħuh "fil-jasar" tal-liġi, filwaqt li ddefenda "l-libertà li għandna fi Kristu Ġesù" (Gal. 2, 4).

Ħafna jqisu dal-konċilju bħala l-waqt ta' tranżizzjoni tal-Knisja minn waħda ċċentrata madwar Ġerusalemm u l-kultura Lhudija għall-Knisja li rrilevat id-differenza bejn Lhud u Nsara, u li mbagħad daħlet fil-bosta kulturi ċċentrati fuq l-Elleniżmu u l-kultura Rumana. Il-Knisja kellha tħaddan mhux lil-Lhud biss imma lid-dinja kollha. Il-Konċilju ta' Ġerusalemm wera wkoll kif kellha titmexxa l-awtorità fil-Knisja.

Il-ħajja spiritwali tal-ewwel Insara kienet iddur madwar l-Ewkaristija, li Sant'Injazju t'Antijokja jsejħilha "duwa li teħles mill-mewt". It-tqarbin kien isir bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, u l-ħobż ewkaristiku kien jitwassal fid-djar u għand il-morda. Meta kienu jitqarbnu s-saċerdot kien

ipoġġi l-ostja f'idejhom u kienu jixorbu mill-kalċi tas-saċerdot.

Id-*Didache* tas-sena 300 w.K. (l-isem sħiħ hu *It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu*) li huwa ta' oriġini Antijokjana tal-ewwel seklu, jagħti normi konkreti dwar is-sagramenti u l-ministeri, u jsemmi l-appostli, il-profeti u d-dutturi. Mill-bidu tal-Knisja, isqof li kien jixhed fedeltà għat-tradizzjoni Nisranija kienu jsejħulu "missier". L-isqfijiet kienu għalliema u kien hemm il-kunċett li għalliem hu "l-missier" tal-istudenti tiegħu. Maż-żmien il-kelma 'missier' bdiet tiġi applikata wkoll għal kittieba Nsara oħrajn li ma kinux isqfijiet, imma li kienu jitqiesu li jirrappreżentaw it-tradizzjoni tal-Knisja. Illum it-titlu "Missier il-Knisja" jiġi applikat lil dawk li jkollhom dawn l-erba' kwalifiki: ortodossija fit-tagħlim tagħhom, ikunu ghexu hajja qaddisa, ikollhom l-approvazzjoni tal-Knisja u jmorru lura għall-ewwel żminijiet tal-Knisja. Insibu fost il-missirijiet tal-bidu, l-apoloġisti bħal San Ġustinu bil-kitba tiegħu *Djalogu ma' Trifone* (Tarfon, li kien rabbi Lhudi) b'142 kapitlu, u *L-Apoloġija* tas-sena 160; ir-ragħaj ta' Hermas fis-sena 140, *Kontra l-Ġudej* ta' Tertuljanu u t-tradizzjoni appostolika ta' Ippolitu tas-sena 220. Dwar l-Ewkaristija nsibu l-ittra ta' Plinju ż-żgħir lill-Imperatur Trajanu fis-sena 112. Fuq kollox ma ninsewx ix-xhieda tal-martri kif inhi wkoll dokumentata fl-*Atti tal-Martri*, il-passjonijiet, eżortazzjonijiet għall-martirju u l-leġġendi dwar il-martri. Il-persekuzzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom fi żmien l-Imperatur Deċju Trajanu (249-251) u dik tal-Imperatur Djoklezjanu (284-305). Diversi Nsara obdew l-ordnijiet tal-Imperatur sabiex iqimu lill-allat, u ta' dan huma kien jingħataw ċertifikat 'libelli'. Dawn l-Insara li ħarġu mill-Knisja 'lapsi', ħafna minnhom wara li spiċċaw il-persekuzzjonijiet talbu li jerġgħu jidħlu fil-Knisja.

## Konklużjoni

Hekk mela rajna fil-qosor kif l-ewwel figuri kbar tal-Knisja kienu kapaċi jwieġbu għall-ħtiġijiet ġodda li kienu jinqalgħu, b'soluzzjonijiet kreattivi, u fl-istess ħin jibqgħu fidili għat-tagħlim ta' Kristu. Dan kien jirnexxilhom jagħmluh għax kien ikollhom esperjenza profonda t'Alla. Fil-fatt dawn huma l-kriterji biex azzjoni tkun verament waħda ta' fedeltà kreattiva: li tkun f'konformità mat-tagħlim ta' Kristu u dak tal-Knisja. Imma biex jirnexxilek tagħmel dan trid tkun bniedem ta' spiritwalità profonda. Sas-sena 260 w.K. l-Insara fl-imperu kienu jgħoddu madwar 6 miljuni. Il-Knisja kompliet tikber permezz tal-monakiżmu (San Anton Abbati, Sant'Ammonju, San Pakomju, San Onoratu, San Martin ta' Tours, Prixxillijanu, Bachiario, Pawlinu ta' Nola, Nepozjanu, Ġwanni Cassiano, Fulgenzju ta' Ruspe, San Bażilju u San Benedittu) u tal-missjonarità (San Patrizju u San Kolombanu). L-imħabba tal-aħwa mibnija fuq l-imħabba ta' Kristu kienet il-qawwa tal-Knisja.





Esperjenza
LYNN AQUILINA

# MAWRA SA GRECCIO F'MALTA STESS

Bejn it-2 u l-4 ta' Diċembru, jien u tletin żagħżugħ u żagħżugħa oħra lqajna l-istedina mill-Aħwa Kapuċċini biex flimkien nagħmlu rtir fiż-żmien tal-Avvent. Dan l-irtir ġie organizzat għaż-żgħażagħ li jattendu l-grupp F.Act, kif ukoll għal żgħażagħ oħra li xtaqu jattendu.

It-tema ta' dan l-irtir kienet: "Aħna sejrin Greccio; int ġej magħna?" Kif juri dan it-titlu stess, matul dawn il-jiem irriflettejna flimkien fuq dak li għamel San Franġisk fir-raħal ta' Greccio nhar il-Milied. F'dawn it-tlett ijiem tal-live-in, l-emozzjonijiet li tqanqlu fija kienu ta' gratitudni u stagħġib. Minn fuq dak it-tiben iniggeż fil-maxtura sakemm fl-aħħar spiċċajt billi nadura lil Ġesù ħaj fl-Ewkaristija, irriflettejt fuq meta San Franġisk għamel il-presepju ħaj fi Greccio.

Qabel ma San Franġisk sab lil Ġesù Bambin fil-presepju, sabu fil-lebbruż. Il-lebbruż, wara li ħsibt ftit fuq min hu għalija llum il-ġurnata, skoprejt li jinsab fija nnifsi. Kull meta ma naċċettax il-kundizzjoni tad-diżabbiltà tiegħi, il-lebbruż jieħu l-ħajja fija, u propju bħal San Franġisk, qabel ngħannaq miegħi d-diżabbiltà tiegħi miegħi nnifsi, qatt ma nkun kapaċi nsaffi l-ħarsa tiegħi mill-preġudizzji lejja nnifsi u lejn l-oħrajn.





Mit-tiben li jniggeż tal-maxtura mbagħad smajt ir-riflessjoni fuq l-għaġeb tal-presepju, il-personaġġ li m'għamel xejn fil-presepju għajr stagħġeb b'dak kollu li kien qed jiġri madwaru. U hekk għedt, kemm hemm bżonn li nitgħallem nistagħġeb b'dak kollu li għamel Alla għalija, bis-sbuħija tal-ħolqien u fuq kollox bis-sbuħija tiegħi nnifsi. Sbuħija li tgħinni nagħraf li għalkemm għandi ħafna nuqqasijiet, Alla jrid jaħdem u jwassal il-bxara t-tajba tiegħu permezz tiegħi.

Mhux ta' b'xejn li meta għażilt il-pastur li ħa nkun fil-presepju ġieni l-anġlu! Nittama li bil-mod kif ngħix ħajti, bħal dan l-anġlu nkun ħabbara tal-ferħ li Ġesù Bambin iġib fil-qalb ta' dawk li jaċċettawh f'ħajjithom.

Dan hu dak li ħadt miegħi matul dawn it-tlett ijiem ta' dan il-live-in. Dan il-live-in għenna wkoll biex bħala grupp insiru nafu aktar lil xulxin u nikbru fl-imħabba lejn xulxin. Kien mument li fih flimkien komplejna nikbru fis-sens ta' komunità li hemm bejnietna. Grazzi lill-patrijiet Kapuċċini u lil dawk kollha li kienu preżenti miegħi matul dan il-vjaġġ. Vjaġġ li żgur ħa nibqa' nagħmlu f'qalbi kull darba li nirċievi l-Ewkaristija. Dak il-ħin il-maxtura ma tibqax tal-injam b'tiben Ingliż, iżda ssir qalbi li twennes lil Ġesù bis-sħana u l-ħlewwa ta' mħabbti. Bqajna Malta iżda tassew morna Greccio.

Ewkaristija kuljum tfisser Milied kuljum!



Kompetizzjoni

FR WISTIN ATTARD OFMCAP

# ROKNA GĦAT-TFAL

## NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

## AĦSEB U WIEĠEB

Kienu jitħaddtu fuq min kien: l-ixjeħ, l-aħjar, l-akbar. (Mk 9, 34)

Ħadd ma fieq ħlief: Bartimew, Nagħman, Leġjun. (Lq. 4, 27)

Qegħdin tfittxu li: tgħinuni, toqtluni, tfixkluni. (Ġw. 8, 37)

Dan ra s-sema miftuħ: Stiefnu, Pawlu, Ġesù. (Atti 7, 56)

Kemm kellha kwiekeb il-kuruna: sitta, disgħa, tnax. (Apk. 12, 1)

Ġesù jkeċċi x-xjaten: bis-sawt, bl-għajjat, bl-Ispirtu t'Alla. (Mt. 12, 28)

Min jilqa' lili, ikun jilqa': lill-Ħaruf, lil dak li bagħatni, lir-Ragħaj. (Mk. 9, 37)

Ħaduh fix-xifer u riedu: ibeżżgħuh, li jaqbeż, jixħtuh għal isfel. (Lq. 4, 29)

Missierna hu: Iżakk, Abraham, Ġakobb. (Ġw. 8, 39)

Stiefnu, lil dawk li ħaġġruh: ma ħafrilhomx / ħafrilhom. (Atti 7, 60)

## TISLIBA #153




1. Din ma nistax niksirha. (Tob. 9, 4) (5)
2. Hekk agħmlu sewwa. (Mt. 2, 8) (6)
3. Dan bis-salvazzjoni tiegħek. (1 Sam. 2, 1) (5)
4. ***Irriflettu*** fuq it-tmiem ta' ħajjithom. (Lhud 13, 7) (5)
5. X'bena David għalih. (1 Kron. 15, 1) (4)
6. Raġunijiet oħra ... Alla. (Ġob 36, 2) (5)
7. Iklu jkun ***iżjed*** utiq. (Ħab. 1, 16) (5)
8. Qabel ma din tinqata'. (Koħ. 12, 6) (5)
9. Dak li hu ġej minn hawn. (Ġw. 3, 31) (3)
10. Hekk agħmlu għall-perfezzjoni. (2 Kor. 13, 11) (7)
11. u 12. Din waqgħet. (Lam. 5, 16) (6)
13. Ejja, ħa ... (Ġen. 11, 7) (6)
14. Lejn fejn baħħarna. (Atti 20, 13) (5)
15. Min fetaħ is-siġilli. (Apk. 6, 1) (5)
16. Dana tal-ħadid u l-bronż. (Dan. 4, 12) (5)
17. Mela ... int. (Dt. 5, 27) (5)
18. Lis-... tas-sultan. (Est. 3, 12) (7)
19. Dak li diġà ... (2 Pt. 3, 1) (4)
20. Hekk tkun dar Ġakobb. (Għabd. 18) (3)
21. Hekk agħmlu 'l ġisimkom. (Rum. 12, 1) (5)
22. Din li intom smajtu hi t'Alla. (1 Tess. 2, 13) (5)

Agendabookshop

### Soluzzjoni għal Tisliba #152

1. Ħażin; 2. Absint; 3. Dritt; 4. Jaqaw; 5. Ħabs; 6. Bikri; 7. Aħbar; 8. Arani; 9. Idi; 10. Tħassar; 11. u 12. Stabru; 13. Rakkmu; 14. Lista; 15. Irbit; 16. Idejn; 17. Issum; 18. Ixerred; 19. Edom; 20. Kus; 21. Troni; 22. Jimxu.

**Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Jannar 2017**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED.**

Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni #28 Aqta' min: Maria Elena Xuereb - "Aurora", 33, Triq Reggie Miller, Il-Gżira GŻR 1543

Ir-rebbieħa tat-TISLIBA #152 ta' Jannar 2017: Raymond Falzon - 30B, "Sta Marija", Triq Sta Katerina, Il-Gudja GDJ 1113

Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

**2. Ibagħtulna bolol u telecards użati**
Naċċettaw kull tip ta' bolol u *telecards* użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€5 għall-missjoni.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
jkun miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30 a.m. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; San Ġiljan; parti minn Birkirkara; parti minn Tas-Sliema; l-Isla; Marsaskala; parti mill-Marsa u San Ġwann.

**6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.




**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**


BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052